Vol 38
Nru 196
April - Ġunju 2017

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija



EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM



ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254



DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2017



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt



Qoxra Quddiem:
*Biblioteka Vatikana*


# Werrej




6





16





20



26

6 Patri Girolamo Golubovich,
L-Istoriku Tal-Kustodja Tal-Art Imqaddsa (II)

16 Is-Sejħa għad-Djakonija fil-Bibbja

20 L-Ommijiet ta' Israel u Omm Ġesù

26 Postijiet ta' Qima u t-Talb fil-Ġudajiżmu

34 l-Għejun tar-Raba' Evanġelju (1)

41 Il-Kolonna tal-Flaġellazzjoni
fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu



34


# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## 50 SENA MILL-GWERRA TAS-SITT IJIEM

Bejn il-5 u l-10 ta' Ġunju 1967, eżattament 50 sena ilu, saret il-Gwerra hekk imsejħa "tas-Sitt Ijiem" bejn Israel fuq naħa, u l-Eġittu, il-Ġordanja u s-Sirja fuq l-oħra. Israel kien twieled bħala pajjiż indipendenti fl-14 ta' Mejju 1948, wara t-tmiem tal-Mandat Ingliż fuq il-Palestina (1917-1948). Malli Israel ipproklama l-indipendenza tiegħu, faqqgħet il-gwerra Għarbija-Israeljana tal-1948, li wasslet għal ftehim proviżorju dwar waqfien mill-ġlied skont fruntieri li baqgħu stabbli sal-1967. Imma t-tensjoni bejn Israel u l-pajjiżi Għarab tar-reġjun qatt ma battiet.

Bħala riżultat ta' mobilizazzjoni tal-qawwiet militari Eġizzjani fil-peninsula tas-Sinaj, Israel iddeċieda li jirritalja biex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu. Attakka l-qawwiet tal-ajru tal-Eġittu u qered il-flotta kollha tal-ajruplani tal-gwerra Eġizzjana. Okkupa l-iStrixxa ta' Gaza u l-peninsula tas-Sinaj sal-Kanal tas-Suez. Sadanittant anke s-Sirja u l-Ġordanja attakkaw lil Israel, li rrisponda billi okkupa x-Xatt tal-Punent, b'Ġerusalemm tal-Lvant, li kienu territorju tal-Ġordanja, u l-Għoljiet tal-Golan, li kienu territorju Sirjan. Hekk, f'sitt ijiem, Israel okkupa dawn it-territorji kollha. It-tensjonijiet komplew jikbru u wasslu għall-Gwerra tal-Yom Kippur fl-1973.

Maż-żmien Israel iffirma trattat ta' paċi mal-President Anwar El Sadat tal-Eġittu f'Camp David (17 ta' Settembru 1978), u irtira mill-peninsula tas-Sinaj, imma




*...editorjal*
*50 sena mill-gwerra*
*tas-sitt ijiem*

kompla jokkupa Gaza. Fis-26 ta' Ottubru 1994, il-Prim Ministru Israeljan Yitzhak Rabin iffirma trattat ta' paċi mar-re Hussein tal-Ġordanja, li fih il-Ġordanja rrinunzjat għax-Xatt tal-Punent, bil-patt li dan it-territorju jingħata lill-Palestinjani bħala Stat futur tagħhom. Imma Israel qatt ma irtira mill-Għoljiet tal-Golan, u baqa' fi stat ta' gwerra mas-Sirja sal-ġurnata tal-lum.

Żviluppi ulterjuri kienu jinkludu l-irtirar tal-Forzi Armati Israeljani min-nofsinhar tal-Libanu, li kien okkupa bħala żona ta' sigurtà mill-1982 sal-2000, u l-irtirar mill-iStrixxa ta' Gaza fit-12 ta' Settembru 2005. Dan kollu, iżda, ma kienx soluzzjoni għall-problema, għax fis-sena 2006 Israel ġie attakkat minn Hezbollah u rrisponda fit-Tieni Gwerra tal-Libanu, filwaqt li fit-8 ta' Lulju 2014 Israel għamel gwerra kontra Gaza *Operation Protective Edge* wara li militanti tal-Ħamas attakkaw bliet Israeljani b'missili minn Gaza.

Wara żewġ rivoluzzjonijiet Palestinjani kontra Israel, hekk imsejħin "Intifada", fl-2002 Israel iddeċieda li jibni ħajt ta' sigurtà madwar it-territorji Palestinjani u madwar Gaza. B'hekk ħoloq sitwazzjoni li fiha kompliet l-okkupazzjoni Israeljana b'kontrolli ibsin fuq il-movimenti ta' nies u merkanzija mit-territorji tal-Awtorità Palestinjana, u li daħħlet fi kriżi l-Oslo Agreement tal-1993, li fih madwar 40 fil-mija tal-art fix-Xatt tal-Punent ingħatat lill-Palestinjani (Ħebron, Betleħem, Ġeriko, Ramallah, Nablus, Jenin, Tulkarm, Qalqilya), imma mhux Ġerusalemm tal-Lvant. Madwar 60 fil-mija tal-art għadha okkupata minn Israel. Għalkemm Gaza hi uffiċjalment awtonoma, Israel għadu jirregola l-ispazju tal-ajru, il-baħar 'il hemm mit-territorju, u l-fruntiera sal-Eġittu. L-istess jagħmel fix-Xatt tal-Punent, li tiegħu jokkupa l-ispazju tal-ajru u jagħlqu b'ħajt madwaru kollu, kif ukoll qatgħu mill-kuntatt dirett mal-Ġordanja billi ddikjara l-Wied tax-Xmara Ġordan bħala żona militari ta' sigurtà. Fi ftit kliem Israel ta l-awtonomija lill-Palestinjani billi għalaqhom fi rqajja' ta' art li jixbhu ħabs b'sema miftuħ (imma kkontrollat ukoll mill-qawwiet tal-ajru Israeljani).

Din is-sitwazzjoni hi kkumplikata ħafna, u mhux faċli li wieħed isib soluzzjoni għaliha, anke għaliex tonqos ħafna rieda tajba min-naħat kollha involuti. Dak li hu żgur hu li l-vjolenza

dejjem ħadet is-sopravvent, kemm dik ġejja minn atti terroristiċi Palestinjani fuq ċittadini innoċenti Israeljani, kif ukoll l-istrateġija Israeljana li tikkastiga lill-Palestinjani kollha bla distinzjoni billi ċċaħħadhom mil-libertà ta' moviment bil-qawwa militari superjuri tagħha, u tibqa' tokkupa territorji li, skont diversi riżoluzzjonijiet tal-Ġnus Magħquda, għandhom jikkostitwixxu Stat Palestinjan.

Nistgħu ngħidu li nħolqot sitwazzjoni ta' "status quo", li fiha apparentament hemm paċi forzata imma finta, imma fl-istess ħin, wara l-kwinti, għad hemm ħafna inġustizzja u sfruttament. Diġà f'Jannar 2013 kienet saret dikjarazzjoni minn grupp ta' mexxejja reliġjużi Kristjani, Lhud u Musulmani (li ma kinux jinkludu, iżda, lill-isqfijiet residenti fl-Art Imqaddsa), li titkellem minn "għabex għall-paċi" fl-Art Imqaddsa. Dan għaliex inħolqot sitwazzjoni li donnha staġnat, u li fiha l-komunità internazzjonali ma għandhiex interess li tagħmel l-ebda bdil, b'Israel li rnexxielu jakkwista sigurtà u paċi f'pajjiż indipendenti (kif hu xieraq u ġust li jkollu) imma b'detriment għall-istess drittijiet lill-popolazzjoni Palestinjana.

Din is-sitwazzjoni ma tawgura xejn sabiħ fil-ġejjieni. Għaddew 50 sena minn Gwerra li biddlet il-fruntieri b'mod inġust u li ma hemm l-ebda intenzjoni tajba li jiġu rranġati b'mod ekwu għall-popli kollha li jgħixu f'din l-Art Imqaddsa. Il-konflitt Għarbi-Israeljan hu wisq ikkumplikat u għejja lil kull bniedem ta' rieda tajba. Jidher li din il-kundizzjoni ta' "status quo" se titħalla bħala l-unika soluzzjoni, li fiha hemm ir-rebbieħa u t-telliefa, ir-rebbieħa li jibqgħu dejjem jistagħnew u t-telliefa li jibqgħu dejjem okkupati.

Sfortunatament ħadd donnu ma jinduna li l-ebda "status quo" mhu etern, l-aktar jekk jinbena fuq inugwaljanzi politiċi, soċjali u ekonomiċi. Il-periklu li terġa' tqum tensjoni hu dejjem preżenti, u l-istorja dejjem uriet li, fl-Art Imqaddsa, kull meta kulħadd kien jaħseb li ġiet il-paċi u s-sigurtà mibnija fuq ħakma militari u sfruttament, kulħadd kellu jħallas il-prezz iebes tal-vjolenza li tiġġenera aktar vjolenza.

Ħafna mexxejja politiċi li riedu jindaħlu f'dan l-hekk imsejjaħ proċess ta' paċi, huma nies li dwar l-Art Imqaddsa jafu ftit jew kważi xejn. Għax l-istorja tal-Art Imqaddsa ma bdietx fl-1948, jew fl-1917, jew bil-wasla tat-Torok Ottomani fl-1517. Hi storja li tmur ħafna lura, u li tixhed li kull poplu li rifes din l-Art qatt ma kellu għomru twil, la fil-passat, la fil-preżent, u lanqas fil-futur. L-istorja għad tgħallimna ħafna u tikxef feriti li llum naħsbu li nfaxxajnihom b'soluzzjonijiet li ma jaħdmux, għax il-paċi vera mhijiex dik ta' "status quo" ta' biża' garantit mill-armamenti tal-gwerra, imma dik ta' qlub sinċiera li jfittxu djalogu u konvivenza li taf iċċedi favur in-naħa l-oħra.



# PATRI GIROLAMO GOLUBOVICH, L-ISTORIKU TAL-KUSTODJA TAL-ART IMQADDSA (II)

***Noel Muscat OFM***

Patri Girolamo Golubovich (1865-1941) wettaq il-proġett ambizzjuż tiegħu ta' riċerka bil-pubblikazzjoni tal-ewwel volum tal-*Biblioteca bio-bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*. Dan il-volum kellu jimmarka l-bidu ta' perjodu ġdid ta' riċerka approfondita ta' dan l-istoriku tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li aħna qegħdin niġbru u nippreżentaw fil-qosor.

Dan l-artiklu qiegħed nibbażah fuq l-istudju li għadu kemm ippubblika Paolo Pieraccini, *Padre Girolamo Golubovich (1865-1941). L'attività scientifica, il Diario e altri Documenti inediti tratti dall'Archivio personale (1898-1941)*, Edizioni Terra Santa, Milano 2016 (*Biblioteca Bio-Bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano. Nuova Serie – Documenti,* Tomo XV), pp. 725, partikolarment pp. 99-177.

## Is-suċċess tal-*Biblioteca bio-bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano (1906)*

L-ewwel volum ta' din il-kollana monumentali ħareġ nhar it-30 ta' Settembru 1906. Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa nefqet is-somma ta' 3000 Frank u Golubovich jgħid li kellu "taħbit kbir" sa ma jara l-opra stampata. Billi kien ġabar kwantità enormi ta' dokumentazzjoni, Golubovich seta' biss ikopri l-ewwel 85 sena tal-istorja Franġiskana fl-Art Imqaddsa, mill-1215 sal-1300, jiġifieri sa wara l-waqgħa tar-Renju Kruċjat Latin fil-belt ta' Akri (1291).

Il-volum jitlaq minn lista ta' 27 xhieda storiċi dwar il-vjaġġ ta' San Franġisk fl-Orjent (Ċipru, Sirja, Eġittu u Art Imqaddsa) u minn *Regesto cronologico* tal-ġrajjiet l-aktar importanti tal-ħajja u tal-waqfa tal-Qaddis fl-Orjent. Skont Golubovich, Franġisku dam fl-Orjent minn Ġunju 1219 sa Marzu 1221. L-iskop tiegħu kien li juri li San Franġisk dam fl-Orjent għal żmien itwal minn dak li l-istudjużi preċedenti kienu jaċċettaw, u li l-Qaddis għamel li seta' biex iwettaq il-ħolma tal-vjaġġ tiegħu, jiġifieri l-pellegrinaġġ fil-Postijiet Qaddisa, li għalih is-Sultan tal-Eġittu al-Malik al-Kamil kien ta lil San Franġisk *signaculum*, jew firman li bih seta' jivvjaġġa liberament fid-dominji tiegħu.

Dwar din it-teżi tiegħu, li llum mhijiex aċċettata minn diversi studjużi, Golubovich jikteb hekk: "Mela skont il-kalkoli tagħna, Franġisku kien assenti mill-Italja u dam jivvjaġġa fl-Orjent mhux għal perjodu qasir ta' 6 xhur, kif isostni Suyskens (*Acta Sanctorum* 618, n. 382 s.), u lanqas kif jgħid Sabatier, li jargumenta li l-assenza



*Biblioteka Vatikana*




tal-Qaddis twalet minn sajf sa sajf, jiġifieri minn Ġunju 1219 sa Lulju 1220, għal perjodu ta' sena (*Vie de Saint François*, 258-272); imma pjuttost li hu dam fl-Orjent min-nofs Ġunju 1219 sa kważi Marzu tal-1221, assenza ta' għoxrin xahar, jew kważi sentejn."[1]

Golubovich sab sostenn qawwi tal-argument tiegħu fil-kodiċi *Vaticano-Capponiano* 207 (seklu 14) fil-Biblioteka Vatikana, studjat minn Salvatore Minocchi, li tah it-titlu ta' *Leggenda antica*. Skont dan l-istudjuż din il-ġabra ta' dokumentazzjoni kienet tqarreb lejn it-tifkiriet ta' sħab San Franġisk li jinsabu fl-i*Speculum Perfectionis* u l-*Fioretti*. Mhux biss, imma r-riferiment għażżjara ta' San Franġisk fil-Qabar ta' Kristu hi ċara fil-*Chronicon seu Historia Septem Tribulationum Ordinis Minorum* ta' Angelo Clareno (1323). Skont Golubovich din l-*Historia* hi kontemporanja għal-*Leggenda antica*, u t-tnejn li huma jiddependu minn fonti dokumentarja li ġejja mill-kitbiet ta' frate Leone, sieħeb San Franġisk, li miet fl-1278, u li l-istess Clareno kien iltaqa' miegħu fl-1270. Anzi hu jgħid li kemm il-*Leggenda antica* kif ukoll il-*Leggenda dei tre compagni*, miktuba fl-1246, ġejjin mill-kitbiet ta' sħab San Franġisk, partikolarment Leone, Rufino u Angelo. Fl-istess żmien Paul Sabatier kien għadu kif ippubblika l-*Actus Beati Francisci et sociorum eius*, li hi meqjusa fonti primittiva tal-*Fioretti*, u li fil-kapitlu 27 titkellem dwar il-fatt li San Franġisk dam sentejn fl-artijiet tas-Saraċini. Golubovich ukoll ikkwota x-xhieda tal-*De conformitate vitae beati Francisci ad vitam Domini Iesu*, ta' Bartolomeo da Pisa (1385).

Il-parti ċentrali tal-volum fiha 300 paġna dedikati għall-istorja bio-bibliografika, etnografika u ġeografika tal-Orjent Franġiskan tul is-seklu 13. Golubovich juri rispett rigoruż għall-metodu kronoloġiku. Hu beda bl-ewwel Minorita li mar l-Art Imqaddsa, jiġifieri l-Beatu Eġidju (1215-19) u jkompli b'dokumenti li sab f'ħafna Kodiċijiet u f'aktar minn 500 awtur li kkonsulta: b'kollox 128 manuskritt li fihom rakkonti ta' vjaġġi, kronaki, martiroloġi, bullarji u kostituzzjonijiet pontifiċji rigward il-Patrijiet Minuri li kienu ħadmu fl-Orjent bejn l-1215 u l-1300, miċ-Ċina sal-Marokk, u speċjalment fis-Sirja, Eġittu u Palestina.

Il-protagonisti ta' dan il-volum u tal-oħrajn suċċessivi fl-ewwel serje tal-*Biblioteca*, huma s-superjuri tal-Art Imqaddsa, provinċjali, ministri ġenerali, patrijiet Minuri li saru isqfijiet, patrijarki Latini ta' Ġerusalemm, legati tas-Santa Sede, missjunarji, membri ta' Ordnijiet kavallereski,

slaten Mamelukki u rejiet tal-Ewropa li għenu lill-Kustodja tal-Art Imqaddsa.

Fost il-patrijiet famużi li jitkellem dwarhom Golubovich insemmu lill-missjunarji famużi li laħqu l-Imperu tal-Mongoli fiċ-Ċina: Giovanni di Pian del Carpine (1182-1252), awtur tal-*Historia mongolorum*; Guglielmo di Rubruk (1251-1259); Giovanni da Montecorvino (1247-1328), li kien missjunarju fl-Armenja, Ġorġja, Persja, u ambaxxatur tal-Papa quddiem il-Gran Khan Kublai tal-Mongoli ġewwa Beijing (1294), fejn sar l-ewwel Arċisqof tal-belt fl-1307.

Personalitajiet oħrajn importanti huma Pietro da Pleine Chassaigne, legat apostoliku fl-Orjent, Arċisqof ta' Nicosia (1309-1315) u patrijarka ta' Ġerusalemm (1314-1319), li fil-kattidral ta' Nicosia kien ħabbar lill-ekkleżjastiċi miġburin il-*bullae* tal-Papa Klement V li bihom issopprima l-Ordni tat-Templari u għadda l-beni tagħhom lill-Kavallieri ta' San Ġwann (7 ta' Novembru 1313); Jean de Brienne, re ta' Ġerusalemm u Imperatur ta' Kostantinopli (1210-1237), li miet liebes ta' terzjarju Franġiskan u ndifen Assisi; ir-Re Aitone I tal-Armenja († 1308), li sar ukoll patri Franġiskan; il-beatu Odorico da Pordenone, appostlu taċ-Ċina, li vvjaġġa fl-Art Imqaddsa, Persja, Indja, Indonesja, u Tibet; Roger Bacon (1214-1294), l-"ewwel orjentalista Franġiskan"; u l-beatu Ramon Llull ta' Maiorca (1235-1315), letterat, poeta, filosfu, teologu, u terzjarju, li miet martri f'Bugie fl-Afrika ta' fuq.

Il-volum ta' Golubovich ġie milqugħ b'entużjażmu mid-dinja tax-xjenza. Kien hemm tifħir kbir għall-preġju tiegħu mir-*Revue d'Histoire Ecclésiastique*, mir-Rivista *Civiltà Cattolica*, mill-kanonku Faloci Pulignani fuq ir-Rivista *Miscellanea Francescana*, li faħħar il-paċenzja ta' Golubovich li jiġbor flimkien il-kodiċijiet li jitkellmu dwar il-vjaġġ ta' San Franġisk fl-Art Imqaddsa.

Diversi persuni importanti kitbu ittri ta' awguri lil Golubovich, fosthom il-Kustodju tal-Art Imqaddsa Roberto Razzoli, Paul Sabatier, u don Salvatore Minocchi. Razzoli kitiblu li l-opra tiegħu kienet il-punt tat-tluq għal "redazzjoni


Firenze, 14 gennaio 1902
Egregio Signore,
Le mando i principali estratti dell'annata 1901 de gli Studi religiosi per il Suo Theologisches Jahresbericht; così farò anche nel 1902.
La prego di usarmi la somma cortesia di intercedere presso la libreria Ricker, se volesse fare il cambio con gli Studi religiosi della due Rivista ZATW e ZNTW quella dello Stade e questa del Preuschen. Io farei sempre recensione o notizia dei lavori pubblicati nelle due riviste citando la fonte e raccomandandole per gli italiani. Con profondo ossequio
Salvatore Minocchi

*Nota ta' Salvatore Minocchi*




tant mistennija ta' storja kompleta tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa."

## Golubovich mill-ġdid fi Quaracchi: id-direzzjoni tal-*Archivum Franciscanum Historicum* (Jannar 1907 – April 1908)

Matul il-perjodu bejn il-bidu tar-riċerki ta' Golubovich fl-Italja (1898) u l-pubblikazzjoni tal-ewwel volum tal-*Biblioteca* (1906) kien ħrax id-dibattitu storjografiku rigward l-interpretazzjoni tal-fonti antiki tal-ħajja ta' San Franġisk, magħruf bħala *questione francescana*. Il-pubblikazzjoni tal-*Vie de Saint François d'Assise* u l-istituzzjoni tas-*Società Internazionale di Studi Francescani* minn Paul Sabatier kienu l-okkażjoni tal-qawmien ta' din il-polemika. Sabatier fl-1898 kien ippubblika dokumenti oħrajn Franġiskani fil-*Collection d'études et de documents sur l'histoire religieuse et littéraire du moyen âge*, u fl-1901 il-kollana *Opuscules de critique historique*. Fuq kollox, fl-1898 Sabatier kien ħareġ l-ewwel edizzjoni tal-i*Speculum Perfectionis*, li fiha ried jikkonferma t-teżi tiegħu li dan id-dokument twieled mill-kitbiet (rotoli) ta' frate Leone, sieħeb San Franġisk, u li kien l-eqdem bijografija tal-qaddis li teżisti, datata għall-11 ta' Mejju 1227, ftit xhur wara l-mewt ta' Franġisku, u mela qabel il-ħajja uffiċjali, *Vita Sancti Francisci*, ta' frate Tommaso da Celano (1228). Sabatier kien studja l-manuskritt 1743 tal-Bibliothèque Mazarine ta' Pariġi. Skont hu l-i*Speculum* kien jimla l-vojt li ra fil-*Leggenda dei tre compagni*, li kien jaħseb li kienet ġiet mimsusa mill-parti "rilassata" tal-Ordni. Sabatier taha t-titlu ta' *Legenda antiquissima auctore fratre Leone*.

Il-polemika xegħlet l-aktar meta Leonard Lemmens ippubblika l-edizzjoni tiegħu tal-i*Speculum*, magħrufa bħala *Speculum minus*, jew *Speculum Lemmens*. Din kienet edizzjoni bbażata fuq il-kodiċi 1/73 tal-Arkivju ta' Saint Isidore's Irish College f'Ruma. Il-manuskritt kien jinkludi kitbiet ta' frate Leone, fosthom il-*Verba Sancti Francisci* u l-*Intentio Regulae*. Skont Lemmens kien dan il-manuskritt li kien l-oriġini tal-manuskritti oħrajn studjati minn Sabatier, li wara kollox kien żbalja fid-data, billi l-manuskritt tal-i*Speculum* fil-kunvent ta' Ognissanti ta' Firenze kien jaqra MCCCXVIII (1318)

u mhux MCCXXXVIII (1228) tal-Kodiċi Mazarino. Kien naturalment żball ta' kopista li ħawwad C ma' X u biddel id-data. Sabatier kien emmen dan l-iżball u għalhekk insista li l-i*Speculum* kien imur lura għall-1227.

Ir-riżultat tal-polemika kien ukoll pożittiv, għaliex kiber sew l-interess tal-istudjużi biex janalizzaw il-fonti medjevali tal-ħajja ta' San Franġisk. L-Ordni tal-Patrijiet Minuri kien partikolarment attent għal dan l-iżvilupp tal-*questione francescana*, u l-ministru ġeneral Dionysius Schüler fl-1903 ħeġġeġ biex l-Ordni joħroġ b'pubblikazzjonijiet biex jivvaluta t-tradizzjoni storika Franġiskana, l-aktar in vista tas-seba' ċentenarju mill-fundazzjoni tal-Ordni (1209-1909). Diversi studjużi, fosthom Lemmens, Livario Oliger u Golubovich, ikkonvinċew lill-ġeneral li kien meħtieġ li l-Ordni jibda jippubblika rivista ta' studji storiċi Franġiskani. Sabatier innifsu, li kien sar ċittadin onorarju ta' Assisi, kien ukoll tal-fehma li kellha tiġi ppubblikata rivista xjentifika dwar l-istorja tal-Ordni Franġiskan.

Storja ġenerali tal-fondazzjoni tal-*Archivum Franciscanum Historicum* ibbażata fuq dokumentazzjoni arkivisitika tista' tibda mill-1905. L-Arkivju tal-Kurja Ġeneralizja tal-Patrijiet Minuri jħares l-ittri ta' Lemmens, Oliger u Golubovich rigward ix-xewqa tal-ministru ġeneral biex jiġu promossi l-istudji tal-istorja tal-Ordni. Il-proġett ta' Golubovich għall-fondazzjoni ta' "perjodiku serju ta' storja Franġiskana" beda fis-27 ta' Novembru 1905.

Golubovich ippropona li r-rivista xjentifika tkun prinċipalment bil-Latin, l-aktar rigward dokumenti oriġinali, imma li jkun hemm artikli wkoll bil-lingwi prinċipali. Hu ħareġ bl-isem *Analecta Franciscana: Pars Periodica*, biex jiddistingwiha mill-kollezzjoni monografika *Analecta Franciscana* li kienet diġà ġiet ippubblikata f'diversi volumi mill-istudjużi ta' Quaracchi. L-idea ta' kif kellha tkun ir-rivista ħadha mill-kollana prestiġjuża tal-istoriċi Ġiżwiti, *Analecta Bollandiana*.

Id-Definitorju tal-Ordni approva l-proposta ta' Golubovich. Fis-17 ta' Marzu 1906 Schüler kellu udjenza privata ma' Piju X, li ta l-barka tiegħu għall-proġett. Fil-15 ta' April 1906 il-ministru ġeneral indirizza l-ittra ċirkulari *De studio historiae Ordinis* lill-provinċjali kollha. Hu għamel riferiment mhux espliċitu għal Paul Sabatier



*Fra Giovanni da Montecorvino*




meta qal li ma kienx jaqbel li persuni mhux Kattoliċi biss jiktbu dwar l-istorja tal-Ordni. L-aħjar mod biex jiġu koordinati l-isforzi biex tiġi magħrufa l-istorja tal-Ordni kien li jitwieled perjodiku ta' studji Franġiskani skont kriterji ta' metodu xjentifiku modern.

### Golubovich maħtur direttur tal-perjodiku (10 ta' Jannar 1907)

Lemmens kien l-ideatur tal-ittra tal-ġeneral, u ssuġġerixxa li l-isem tal-perjodiku kellu jkun *Analecta Waddingiana*, fuq il-mudell tal-*Analecta Bollandiana* li tippubblika l-*Acta Sanctorum*. Il-perjodiku kellu joħroġ xi tlieta jew erba' darbiet fis-sena, b'total ta' 500 paġna u b'diviżjoni fiż-żewġ taqsimiet *Documenta* u *Bibliographia*. Sadanittant Leonard Lemmens temm il-kariga tiegħu ta' superjur tal-Kulleġġ ta' Quaracchi fid-9 ta' Jannar 1907, u f'postu daħal bħala superjur Girolamo Golubovich. Il-ministru ġeneral avża lil Golubovich li d-Definitorju ġenerali kien għażel bħala isem tal-perjodiku *Studia Historica Franciscana*. Fi qbil mal-istudjużi ta' Quaracchi, Golubovich qal lill-ġeneral li t-titlu tal-perjodiku li għażel id-Definitorju ma kienx l-aħjar għażla, u l-isem *Analecta Waddingiana* kien aħjar. Il-figura ta' Luke Wadding bħala l-fundatur tar-riċerka storika Franġiskana kienet l-aktar indikazzjoni loġika għat-titlu tal-perjodiku. Golubovich mar Ruma fi Frar dwar il-kwestjoni, anke għaliex diversi studjużi tal-Kulleġġ ta' Quaracchi kienu kuntrarji għall-isem *Analecta*, u kien iddispjaċihom li kienu se jiġu esklużi l-Ingliż u l-Ġermaniż mil-lingwi użati fil-perjodiku.

Quddiem dawn id-diffikultajiet il-ministru ġeneral iddeċieda li jlaqqa' f'Assisi lil Golubovich u grupp ta' kollaboraturi tal-perjodiku, fosthom Livario Oliger, Michele Bihl, Teofilo Domenichelli u Heribert Holzapfel, awtur ta' manwal famuż ta' storja Franġiskana (1909). Il-laqgħa saret bejn it-2 u l-4 ta' April 1907. L-istudjużi kellhom ukoll okkażjoni biex jiltaqgħu ma' Paul Sabatier, li dak iż-żmien kien jgħix Assisi. Waqt id-diskussjonijiet 5 studjużi Franġiskani Ġermaniżi opponew l-isem *Analecta Waddingiana*, u ħarġu bl-isem ta' *Archivium Franciscano Historicum*. Golubovich jikteb b'toni ta' dispjaċir dwar l-intransiġenza tagħhom li, billi kienu fil-maġġoranza, riedu li tgħaddi tagħhom bilfors. Huma saħansitra riedu li jitneħħew it-Taljan u l-Franċiż mill-perjodiku. Fl-aħħar intlaħaq

kompromess. L-isem kellu jkun *Archivium Franciscano Historicum*, imma t-Taljan u l-Franċiż kellhom jibqgħu, naturalment mal-Ġermaniż, imma bl-esklużjoni tal-Ingliż! Il-ministru ġeneral ma tantx ħa pjaċir, u talab li, kemm jista' jkun, kellu jintuża l-Latin għall-artikli, bibliografija u kronaka, u li l-faxxikli kellhom jintbagħtu l-Kurja qabel ma jiġu ppubblikati.

Fil-15 ta' April 1907 ġie emanat id-*Decretum de novo Periodico historico*, li fih ġie ddikjarat li r-rivista kellha tkun imsemmija *Archivium Franciscano Historicum*, u li kellu jiġi ppreferut il-Latin bħala lingwa tar-rivista. Jekk jintużaw il-ħames lingwi moderni – Franċiż, Ġermaniż, Taljan, Spanjol u Ingliż – kellu jiġi pprovdut sommarju bil-Latin. Il-perjodiku kellu jinkludi *dissertationes*, jew artikli ta' natura xjentifika. Kellha tingħata importanza lill-*Monumenta seu documenta franciscana*, dokumenti inediti ta' storja u kronaki ta' provinċji, kunventi, knejjes, bibljoteki, dokumenti pontifiċji, ċirkulari, korrispondenza, atti tal-kapitli. Dawn kellhom jiġu stampati fil-lingwi oriġinali, imma jekk kien każ ta' lingwa diversa mill-ħamsa permessi, allura kellhom jiġu tradotti bil-Latin. Is-sezzjoni *Descriptio Codicum franciscanorum* kellha tkun speċjalizzata fl-istudju ta' manuskritti u inkunabuli antiki, u tkompli l-*Annales Minorum* ta' Luke Wadding. Ir-raba' taqsima kellha tkun magħmula mill-*Bibliographia*, u l-ħames taqsima mill-*Commentaria ex periodicis*, rigward kummentarji minn rivisti li għandhom x'jaqsmu mal-istudji Franġiskani. Kellha tiżdied ukoll sezzjoni dwar bibliografiji u nekroloġji.

L-ewwel ħarġa tar-rivista ġiet approvata mill-gvern ġenerali tal-Ordni, ħlief l-artiklu ta' Teofilo Domenichelli dwar il-*Vita Sancti Francisci* ta' Tommaso da Celano, li kien kritiku wisq. Dan kollu qajjem polemika ġdida għax Golubovich kien poġġa dan l-artiklu fl-ewwel post fil-perjodiku! Ġiet ukoll meħuda deċiżjoni li l-isem tar-rivista kellu jiġi rranġat f'*Archivium Franciscanum Historicum*, li mbagħad reġa' ġie rranġat f'*Archivum Franciscanum Historicum*.



## Tensjoni u riżenja mill-Kulleġġ ta' Quaracchi

Golubovich kien ittama li l-ministru ġeneral Dionysius Schüler isejjaħlu Ruma biex jippreżenta l-perjodiku l-ġdid lill-Papa Piju X u jitlob il-barka tiegħu. Imma kien jidher li l-ġeneral ma kienx daqshekk entużjast, għax lanqas kelma ta' inkoraġġiment ma kien bagħatlu. Golubovich kellu l-appoġġ tad-Definitorju ġenerali, imma kien jaf li l-patrijiet studjużi Ġermaniżi ma tantx kienu jniżżluha li rivista hekk prestiġjuża kellha bħala direttur tagħha patri "Dalmata" (Kroat mid-Dalmazja). Beda jaħseb bis-serjetà li joffri r-riżenja tiegħu. Avża bit-tensjoni li qalgħu kontrih żewġ patrijiet studjużi tal-Kulleġġ f'ittra li kiteb lill-prokuratur ġenerali tal-Ordni Bonaventura Marrani. Meta fl-aħħar il-ġeneral kiteb lil Golubovich, mhux talli ma semma xejn dwar il-problema, imma talli urieh tħassib dwar il-mod kif kien qed jaġixxi bħala direttur tar-rivista u ċanfru talli ħalla lil Teofilo Domenichelli jinsisti fuq it-teżi tiegħu kuntrarja għall-valur storiku ta' Tommaso da Celano, wara li hu kien ġie mwissi biex jikkoreġi l-affermazzjonijiet tiegħu.


*Beatu Ramon Llull ta' Maiorca*

Golubovich baqa' deluż mill-mod kif ġie ttrattat mill-ministru ġeneral. Quddiem l-oppożizzjoni li kellu jaffronta sa mill-kungress ta' Assisi tal-1907 hu ma kien jara l-ebda soluzzjoni oħra għajr dik li jirreżenja minn direttur tal-*Archivum Franciscanum Historicum*. Fil-ġranet 30 ta' April sat-2 ta' Mejju 1908 Golubovich ippreżenta l-ittri tar-riżenja tiegħu lid-Definitorju ġenerali tal-Ordni, fosthom il-prokuratur ġenerali Bonaventura Marrani.

Il-ministru ġeneral ma aċċettax it-talba ta' Golubovich biex jiltaqa' direttament miegħu u mad-Definitorju ġenerali, imma ddeċieda li jagħmel viżta fil-Kulleġġ ta' Quaracchi. Il-ġeneral wasal Quaracchi fit-8 ta' Mejju. Qal li aċċetta mill-ewwel ir-riżenja ta' Golubovich. L-għada kellu laqgħa twila ma' Golubovich, u meta staqsih x'ried għall-futur, Golubovich talbu li jħallih jagħmel riċerka fil-bibljoteki l-aktar importanti ta' Firenze u tal-Ewropa, biex ikompli u jikkonkludi l-*Biblioteca bio-bibliografica*. Il-ġeneral deher li ried jaġevola lil Golubovich, u tah permes mill-ewwel. Mhux biss, imma mhux talli ma obbligahx li jirritorna fl-Art Imqaddsa, imma tah permess li jmur għal vaganza twila, basta li din jagħmilha barra mill-Italja. Golubovich



*Papa Piju X*

qal li wara li jtemm ir-riċerka kien jixtieq imur joqgħod fid-Dalmazja.

Fis-16 ta' Mejju 1908 Golubovich telaq darba għal dejjem mill-Kulleġġ ta' Quaracchi. Għalkemm il-ġeneral kien qabel lest li jħallih jgħix għal xi żmien Firenze, issa deherlu li Golubovich kellu jħalli l-Italja mill-ewwel. Jidher li l-ġeneral kien daqshekk iebes minħabba li l-Ordni kien daħal f'suspetti ta' moderniżmu, ukoll minħabba l-interpretazzjonijiet ta' Golubovich u Domenichelli u l-ħbiberija tagħhom ma' Sabatier. Il-Papa Piju X kien għadu kemm ħareġ l-enċiklika *Pascendi domini gregis* fit-8 ta' Settembru 1907, li fiha kien iddefinixxa l-moderniżmu bħala "sintesi tal-ereżiji kollha."

Golubovich ipprova jtawwal iż-żmien tiegħu Firenze, għax kien midħla tal-bibljoteki famużi tal-belt, u xtaq jiltaqa' ma' Sabatier li dawk il-ġranet għadda minn hemm fi triqtu lejn Assisi. F'ittri li fihom Golubovich fetaħ qalbu ma' Sabatier, hu tkellem minn dak li sofra meta ġie mbiegħed minn Quaracchi, u wera li kien jibża' li l-ġeneral kien se jipprojbilu li jkompli l-istudji tiegħu dwar l-Art Imqaddsa u l-Orjent Kristjan. Sabatier wera li kien apprezza l-inizjattiva tal-perjodiku *Archivum*, għax kien is-sinjal konkret tal-interess li kien tqajjem għall-istudji Franġiskani. Golubovich imbagħad iltaqa' ma' Sabatier meta kien jinsab Franza.

Golubovich sa wasal biex, fil-21 ta' Mejju 1908, kiteb lill-Papa biex jipprotesta dwar il-mod li bih il-ġeneral u d-Definitorju kienu keċċewh b'mod inġust mill-Italja. Ir-riżultat ma kienx sabiħ, għax il-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Isqfijiet u r-Regulari, li kien fetaħ l-ittra lill-Papa, indirizza kopja tagħha lill-Kurja ġeneralizja tal-Ordni! Wara li rċieva rakkomandazzjonijet minn Bonaventura Marrani u mill-Kustodju Roberto Razzoli biex jumilja ruħu u jobdi, Golubovich ħalla Firenze fit-18 ta' Ġunju.

## Referenzi


1 Golubovich, *Bibliotheca bio-bibliografica*, Quaracchi 1906, 97



# IS-SEJĦA GĦAD-DJAKONIJA FIL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Għax hekk ukoll Bin il-Bniedem, hu ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra."*

*(Mark 10:45)*

## It-Terminu 'Djakonija'

It-terminu 'djakonija' ġej mill-kelma Griega *diakonia* li tfisser 'servizz', 'qadi' jew 'ministeru', anke saħansitra servizz lil dawk li huma barranin jew lil dawk li huma ta' twemmin ieħor. Fl-Antik Testment għandna l-kelma ebrajka *avad* li tfisser 'xogħol'. Fil-Ġdid Testment il-kelma *diakonia* tirriferi għall-qadi fl-imwejjed, imma tfisser fuq kollox 'servizz'. Infatti fil-Ġ.T. niltaqgħu ma' erba' termini li jfissru l-kelma 'servizz'. Għandna l-ewwel il-kelma *diakonia* li nsibuha 96 darba. Għandna l-kelma *douleia* li tfisser 'sjkavitù' u li nsibuha 165 darba. Għandna l-kelma *latreia* bħala 'servizz ta' adorazzjoni' u nsibuha 25 darba u l-kelma *liturgos* li tirreferi għas-'sevizz ta' talb u qima' u li tinsab 15-il darba. It-terminu *diakonia* fuq kollox jimplika 'servizz b'fidi u mħabba'. Huwa servizz liberu u għalhekk differenti minn *douleia* li hu servizz mingħajr għażla, imma obbligatorju. Fuq kollox it-terminu għandu affinità mal-kelma l-oħra Griega *koinonia* li tfisser 'unità u għaqda'. Infatti djakonija hija li taqdi u sservi f'nofs (*dia*) din il-għaqda u l-komunjoni (*koinonia*).

## Ġesù Mudell tad-Djakonija

Ġesù jitgħammed fix-xmara Ġordan, uriena huwa nnifsu l-ikbar eżempju ta' djakonija meta proprju niżel fix-xmara u poġġa saqajh fit-tajn ta' qiegħ ix-xmara biex jurina li huwa lest li jinżel għal-livell tal-miżerji tagħna. Fl-Aħħar Ċena huwa nnifsu jwettaq ir-rit tal-purifikazzjoni, anzi ħasel huwa stess is-saqajn tal-appostli. Fit-tagħlim tiegħu dejjem jgħallimna l-isbaħ eżempji ta' djakonija, b'mod partikulari kif naraw fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb fejn għandna verament 'ikona' ta' djaknu. L-għotja totali ta' Kristu tilħaq il-qofol tagħha fl-għotja tas-salib.

Id-djakonija titlob li timxi wara Kristu u li xxandar il-Kelma Tiegħu bil-fatti: "Imbagħad Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba u qallu: 'Ħaġa waħda tonqsok: mur, bigħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-



sema; imbagħad ejja u imxi warajja." (Mk 10:21).

## Il-Ministeru tad-Djakonija fl-Era Nisranija

Ta' min isemmi li fl-Antik Testment, fi ħdan il-komunità Lhudija kien hemm dak li nsejħulu l-ministeru levitiku li kien jgħin fix-xandir tal-Kelma, fit-tagħlim u fil-kult. Fil-Ġdid Testment naraw lill-appostli li jkunu nvoluti fid-djakonija tal-Kelma. Is-seba' djakni mbagħad ġew maħturin mill-appostli mmexxija mill-Ispirtu s-Santu, sabiex jgħinuhom fil-ħafna xogħol, qalb l-ewwel komunitajiet insara. Għall-ewwel id-djakni ordnati, kienu jaqdu fl-imwejjed iżda wara anke huma bdew ikunu involuti fid-djakonija tal-kelma: " … għażlu lil Stiefnu, bniedem mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, lil Filippu, lil Prokoru, lil Nikanor, lil Timon, lil Parmena, u lil Nikola, prosèlita minn Antijokja. Lil dawn ressquhom quddiem l-appostli, li talbu u qiegħdu idejhom fuqhom." (Atti 6:5-6) Infatti San Stiefnu djaknu jkun l-ewwel martri li ħa l-martirju tiegħu għas-sena 35 W.K., għaliex kien jaqdi l-kelma billi kien jippriedka l-verità ta' Kristu.

Naraw ukoll li fi żmien San Pawl kien hemm diversi kollaboraturi, persuni sabiex flimkien mal-appostli jaħdmu biex jixxandar l-evanġelju ġdid ta' Kristu lill-ġnus kollha. Huwa, fl-ittri tiegħu, isemmi diversi ministeri: l-Appostli; il-Profeti u d-Dutturi li kienu jgħallmu u jieħdu ħsieb il-katekeżi fost il-komunitajiet imxerrda; is-*Sinergon*, il-Kollaboraturi tal-Appostli bħal, Timotju, Akwila, Epafroditu, Prixxilla u oħrajn; il-Kapijiet jew il-presidenti tal-komunitajiet *pro-istamenoi*; l-*Episkopoi*, l-għassiesa tal-erwieħ li bdew iservu bħala isqfijiet u fuq kollox id-*Diakonoi* li bħala djakni kellhom diversi ħidmiet. San Pawl stess kien juża t-terminu *diakonos* għalih innifsu u għall-kollaboraturi tiegħu.

Il-Papa Klement fl-ittra tiegħu lill-Korintin tas-sena 95 W.K., iqabbel il-Leviti tal-A.T. mad-djakni. Anke il-Pastor Hermas, fit-tieni seklu W.K., isemmi lid-djakni. Fi żmien il-Papa Damasu, fir-raba' seklu W.K., id-djakni minħabba x-xogħol tagħhom kienu saħansitra superjuri għall-presbiteri, iżda wara l-presbiteri bdew jieħdu iktar mid-djakni tmexxija f'idejhom. Id-djakni kienu jqassmu l-Ewkaristija lill-ġemgħa liturġika u lill-morda, kienu janimaw it-talb waqt l-Ewkaristija u kienu wkoll jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tal-flus u l-ġid tal-Knisja u fuq kollox jgħinu lill-foqra fosthom



lin-nisa romol. Ħafna kienu dawk id-djakni fl-ewwel żmenijiet tal-Knisja li ħadu l-martirju. Ilkoll nafu bil-martirju ta' San Lawrenz, l-ogħla wieħed mis-seba` djakni ta' Ruma – arċidjaknu – li kellu l-Papa Sistu II u li kien iwettaq id-djakonija qalb il-foqra ta' Ruma, 'it-teżori tal-Knisja'. Kien hemm ukoll id-djakonessi nvoluti fil-qadi tal-imwejjed.

## Id-Djakonija fl-Imħabba tal-Aħwa

Il-ħajja komunitarja tal-ewwel insara kienet xhieda qawwija ta' din il-kariżma tal-Ispirtu s-Santu, u li tassew id-djakonija li ssegwi l-kmandament il-kbir tal-imħabba, hija sejħa tal-insara kollha: "ibigħu ġidhom u kulma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skont il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja;" (Atti 2:45-46) "Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom kien imur iqegħedhom f'riġlejn l-appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox skont il-ħtieġa ta' kull wieħed." (Atti 4:34-35) Din d-djakonija fost l-insara kienet distintiv importanti u għalhekk kienet xi ħaġa ġdida quddiem il-pagani u l-Lhud. L-ebda reliġjon ma kellha din il-karatteristika hekk qawwija fil-ħajja tagħha. Kellha impatt qawwi fid-dinja pagana u dik Rumana. San Ġwann Griżostmu, li miet fis-sena 407 bħala Isqof, kien irrealizza l-importanza ta' din id-djakonija u għalhekk għamel minn kollox biex itaffi l-faqar fil-komunitajiet li tagħhom huwa kien għassies. Waqt priedka minn tiegħu huwa kien qal li bħalma Alla ħalaq s-sema u l-art, Hu jixtieq minna lkoll li nagħmlu mill-art 'ġenna tas-sema' (ara Ep. I ad Tim. Hom. 15, 4). Santu Wistin ukoll isostni li l-isqof huwa proprju qaddej – djaknu – ta' Alla biex jaqdi lill-oħrajn. Infatti juri li l-kelma Griega *episkopos* tfisser 'dak li jara mill-għoli', bħala għassies u bħala qaddej (ara kommentarju dwar is-Salm 126).

## Konklużjoni

Mela rajna, li kemm bl-ordni tad-djakonat kif ukoll bil-ministeru tad-djakonija, wieħed hu msejjaħ biex jaqdi lil Kristu fl-oħrajn: "… 'Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh.'" (Mt 25:45).

Il-*Pastor* Luteran Dietrich Bonhoefer jgħid li l-Knisja 'hija Knisja' meta hija hemm għall-oħrajn. Mela l-Knisja, li hija aħna, trid issir bniedem – qaddej – għall-oħrajn bħalma Kristu sar bniedem – qaddej – għalina. Jalla l-Knisja tkompli tiskopri u toħroġ fil-beraħ dan il-ministeru. Qabel ma nagħlqu tajjeb li nsemmu hawnhekk id-djakni permanenti li kienu ispirati mill-Konċilju Vatikan II, u li fil-fatt ġew istitwiti mill-Papa Pawlu VI, permezz tal-Ittra Apostolika *Ad Pascendum* tal-15 t'Awwissu 1972, għalkemm dawn dejjem tħallew f'idejn il-Konferenzi Episkopali. F'ħafna djoċesijiet fid-dinja, fejn hemm nuqqas ta' saċerdoti, id-djakni permanenti, li ħafna huma irġiel bil-familja, qegħdin iwettqu xogħol pastorali importanti u jkunu ta' għajnuna għall-presbiteri u għall-isqfijiet. Min jaf, forsi fil-futur, ir-realtà tad-djakni permanenti tkun qed tagħti s-sehem tagħha wkoll fil-Knisja ta' Malta u Għawdex.

## Bibliografija


*Diakonia. Church for the Others*, N. Greinacher – N. Mette (eds.), *Concilium* 198/4, 1988.

HANSON A., *Church, Sacraments and Ministry,* Oxford 1975.

Mc.BRIEN R.P., *Catholicism,* New York 1994.

TILLARD J.-M., *Church of Churches. The Ecclesiology of Communion,* Minessota 1992.

*"We are your servants". Augustine's homilies on ministry,* J.E. Rotelle (ed.), Philadelphia 1986.



# L-OMMIJIET TA' ISRAEL U OMM ĠESÙ

*Mons Lawrenz Sciberras*

Fil-ktieb ta' Bin Sirak, kap. 44 versi 1-2, hemm tifħir għoli lil numru ta' personaġġi nisa famużi: "Infaħħru issa lil nies ta' ġieh u lil missirijietna nisel wara ieħor. Il-Mulej ħejja għalihom glorja kbira, u wera l-kobor tiegħu minn dejjem." (Sir 44,1-2)

Israel għandu tliet missirijiet: Abraham, Iżakk u Ġakobb. Dawn huma t-trepied l-aktar għoli u magħqud għaliex huma tassew l-oriġini ta' razza unika, huma trepied żgur u sod. L-Iskrittura tgħid hekk; hija razza ta' slaten, qassisin u nazzjon qaddis. (Eż 19,6) Ukoll l-istess isem Israel juri d-dinjità eminenti għaliex bil-Lhudi ifisser "dak li jara 'l Alla". Barra dan Israel għandu erba' nisa matrijarkali; Sara, Rebekka, Lija u Rakele. Hemm imbagħad min iżid iż-żewġ nisa konkubini ta' Ġakobb. Bilħa serva ta' Rakele omm Dan u Neftali, u Żilfa qaddejja ta' Lija omm Gad u Aser. Dawn iż-żewġ nisa flimkien mat-tnejn l-oħra bejniethom għandhom it-tnax-il tifel – mela tribù ta' Israel.

Fost l-irġiel Abraham huwa meqjus fost l-akbar mill-patrijarki u jixbah lit-travu tal-bieb li fuq għarqubu idur il-bieb, liema bieb iservi biex tista' tidħol jew toħroġ minnu. Sara mbagħad, minħabba l-fatt li hija l-mara ta' Abraham, Ġużeppi Flavju jsejħilha "reġina u omm tar-razza tagħna". Filun ikompli; "hija qiegħda fil-bidu ta' tfal subien u bniet u mhux f'numru żgħir iżda ta' nies tant għeżież għal Alla, u li b'xorti irċevew is-saċerdozju flimkien mad-don tal-profezija.

Hemm imbagħad nisa oħra li dawn ukoll għandhom l-importanza tagħhom fost il-poplu magħżul; Dawn huma Tamar, Ġakobed omm Mosè, l-imħallef Debora, il-moabita Rut, Anna omm Samwel l-eroina Ġuditta u omm s-seba' wlied tal-Makkabin. Ukoll Eva hija mdaħħla fost l-ommijiet. F'ċertu sens Eva hija hi l-ewwel fost l-ommijiet ta' Israel.

## Muntanji u għoljiet

Interessanti kif bosta missirijiet ta' Israel huma mxebbhin mal-muntanji, u l-ommijiet mal-għoljiet. Dan ir-rapport imqiegħed fis-simboliżmu "muntanji-għoljiet", jissuġġerixxi li l-figura tal-missirijiet hija superjuri u aqwa għal dik tal-ommijiet. Il-muntanji u l-għoljiet joffru l-idea ta' stabilità u pedament tassew sod daqskemm żgur. U tassew hekk: il-poplu ta' Israel huwa mibni fuq il-blat tal-missirijiet u tal-ommijiet, grazzi għall-għażla tiegħu minn Alla stess, kif ukoll għall-għajnuna li kontinwament sab mill-profeti, imħallfin u slaten. L-oraklu ta' Balgħam jikkummenta hekk: "Minn fuq il-qċaċet tal-blat qiegħed narah; inħares lejh minn





fuq il-għoljiet." (Num 23,9). Hemm proverbju ċelebri mqiegħed fuq fomm il-Mulej li dan jikkonsla ħafna lill-poplu magħżul: "Jiena nħares lejn l-oriġini tagħhom u lejn l-għeruq fondi tagħhom. Narahom imqiegħda fuq pedament sod bħal blat fuq il-għoljiet u dan kollu minħabba missirijiethom u ommijiethom."

## Rakele

Il-patijarka Ġakobb meta ra li kien wasal biex imut bierek lil kull tifel tiegħu (Ġen 49,1-28). Meta wasal għal Ġużeppi iben Rakele qal hekk: "B'barkiet mill-għoli tas-smewwiet, b'barkiet l-ilmijiet mifruxa taħt l-art, b'barkiet is-sider u l-ġuf" (Ġen 49,25). It-Targum tal-Palestina ifisser b'dan il-mod il-barkiet tas-sider u l-ġuf. Imberkin l-isdra ta' dawk li minnhom jerdgħu u l-ġuf li qiegħed bejniethom" Evidentement din il-barka hija indirizzata lil Rakele, omm Ġużeppi. Jum wieħed waqt li Ġesù kien qed jippriedka, waħda mara minn qalb il-folla għajtet u qalet: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt" (Lq 11,27).

Dan il-kumpliment għoli u matern seta' kien xi forma ta' għajdut popolari qalb in-nisa komuni tal-Palestina li kienu jreddgħu lil uliedhom, aktar u aktar meta nafu kemm it-twelid tat-trabi kien wieħed l-aktar komuni fost dawn in-nisa. Iżda mhux ta' min iwarrab fil-ġenb l-ipotesi ta' Martin McNamara: "Bi probabbilità l-mara li minn qalb il-folla għajtet dak il-kliem lejn omm Ġesù, hija fi kliemha kienet qed tagħmel parafrasi targumika ta' Ġen 49,25, u li hija semgħet jinqara fis-sinagoga. "B'barkiet mill-għoli tas-smewwiet, b'barkiet l-ilmijiet mifruxa taħt l-art, b'barkiet is-sider u l-ġuf".

## Lija

Filun ta' Lixandra joħroġ b'diversi riflessjonijiet sbieħ dwar Lija, l-ewwel mara ta' Ġakobb u li din kellha għajnejha ftit baxxi (Ġen 29,17). Xi waħda minnhom tista' tkun ukoll riflessjoni teoloġika dwar il-verġinità ta' Marija wara t-twelid ta' binha Ġesù.

Filun jgħid li Ġuda (Lhudi yehûdah) tfisser tistqarr lil Mulej. Ġuda bħala tali huwa dak li "jrodd ħajr" fil-persuna tiegħu; huwa s-simbolu tal-atteġġjament ta' dak li jiċċelebra l-Mulej. Huwa dak li jerfa' leħnu lejn il-Mulej aktar mill-qalb milli bil-leħen. Hu l-ispirtu li jbierek 'l Alla, dejjem lest li jirringrazzja 'l Alla. Jekk kemm-il darba Ġuda huwa

hekk, tassew wieħed jista' jgħid li huwa l-frott perfett.

Huwa għalhekk li Lija mara li wildet lil Ġuda r-raba' tifel "... waqfet milli jkollha tfal" (Ġen 29,35). Skont Filun, Ġuda għandu jgħid: "Tifħir lil Alla"; dan huwa l-aqwa tal-perfezzjoni. Li tfaħħar lil Missier għal ħwejjeġ tajbin kollha, huwa fost l-aktar frott li qatt ħareġ mill-ġuf ta' waħda mara. Għalhekk Lija ma tiġġenerax aktar. Issa kważi laħqet il-limiti kollha u l-quċċata tal-perfezzjoni. Wara dan kollu, ġie mqiegħed waqt ta' waqfien għal aktar tfal. L-organi tat-tnissil ta' Lija nixfu għaliex hija issa kienet tat il-frott l-aktar perfett li hija setgħet qatt twelled!

Argumenti bhal dawn dwar il-verġinità ta' Marija, għalkemm fil-bidu tal-ħajja tal-Knisja, fihom qawwa kbira. Għaliex il-Madonna ma kellhiex aktar tfal wara Ġesù? It-tweġibiet huma varji, iżda kollha kemm huma jduru madwar id-divinità ta' Ġesù. " ... hawnhekk hawn min hu aqwa minn Salamun!" (Lq 11,31; Mt 12,42). Fil-persuna ta' Ġesù l-umanità laħqet tassew il-perfezzjoni tagħha. Ġesù kien tassew sabiħ, (kalos), perfett sħiħ fil-fiżiku tiegħu.

### Għaliex Marija ma kellhiex aktar tfal barra Ġesù?

Aħna nafu mit-tħabbira, li Marija laqgħet fil-ġuf safi tagħha lil DAK l-iben li b'mod assolut jirrappreżenta l-perfezzjoni tal-patt sħiħ u kollu! U dan f'liema sens? Ħalli nippruvaw infissru dan il-ħsieb. L-alleanza jew patt ifisser dak il-proġett li Alla ħaseb dwaru sabiex huwa jibda jgħix u jgħammar "f'nofsna" il-poplu tiegħu. Issa dan il-proġett divin jilħaqq it-twettiq l-aktar għoli u suprem tiegħu fil-persuna ta' Kristu, Verb divin magħmul bniedem!

FiH Alla u l-bniedem iltaqgħu u ngħaqdu flimkien b'mod li ma jinfirdux, u dan f'alleanza ġdida eterna, perfetta u li ma titbiddilx. Aħna ma nistgħu nimmaġinaw ebda forma oħra ta' alleanza aktar għolja mill-Inkarnazzjoni tal-Iben





ta' Alla. Ma' Kristu għalhekk tingħalaq l-istorja. Difatti jekk l-antenati ta' Ġesù skont il-ġisem nisslu, huwa QATT ma żżewweġ jew nissel. "Abraham nissel lil Iżakk.... Ġakobb nissel lil Ġużeppi, l-għarus ta' Marija li minnha twieled Ġesù li jsejħulu Kristu" (Mt ,1-16). Għal Ġesù Alla Missieru kien kollox. Flimkien mal-Missier huma t-tnejn jiffurmaw ħaġa waħda (Ġw 10,30).

Għalhekk is-sitwazzjoni ta' Ġesù tiftaħ orizzonti ġodda biex wieħed jifhem ir-raġuni profonda tal-verġinità ta' Marija wara t-twelid. Għal Marija, il-fatt li saret omm Ġesù dan fisser li hija esperimentat, f'għaqda sħiħa u rrepetibbli, l-għaqda ma' Alla, li huwa l-għan aħħari tal-alleanza. Bil-qawwa tal-maternità divina hija kienet totalment mimlija fil-ġisem u fl-ispirtu, tant li l-istennija ħerqana ta' persuna umana kollha kemm huma ġew imwettqin.

Dak l-iben; il-persuna tiegħu, l-opra tiegħu, il-qadi li huwa ta' fil-fidi flimkien ma' Ġużeppi, kien il-kollox għal ommu Marija, kif il-Missier kien il-KOLLOX għal Ġesù. Wara li Marija aċċettat fil-ġuf l-Iben ta' Alla, Marija ma setgħet tixtieq "xejn aktar", jew "aħjar", f'ulied oħra. Hu l-primoġenitu, fih tgħammar il-milja kollha tad-divinità.

Hija saret tassew l-għamara ħajja, u denja tal-Verb inkarnat, hija waslet fil-punt

l-aktar għoli tal-perfezzjoni. F'xebh mal-ġarar ta' Kana (Ġw 2,7) il-ġuf ta' Marija kien "mimli sax-xfar".

## Ġokebed, omm Mosè (Num 26,59)

Huwa fatt li matul iż-żmien tat-Testment il-Ġdid it-tifkira ta' Mosè kienet saret ta' natura eskatoloġika. Mosè billi kien sar "l-ewwel" ħellies ta' Israel matul l-eżodu Eġizzjan, huwa sar il-prototip, il-messija tant mistenni, bħala l-bennej ta' eżodu definittiv. Kienet saret ħaġa naturali għalhekk li madwar il-persuna ta' Mosè twieldu ġrajjiet u rakkonti li għamluha tinħass l-eskatoloġija – messjanika.

Dan kollu kellu wkoll rifless fuq Ġokebed, omm Mosè u għarusa ta' Għamram (Eż 6,18; Num 3,19; 26,58-59). F'dan ir-rigward twieldu diversi narrazzjonijiet sbieħ, li kellhom xebh sorprendenti ma' xi aspetti tal-maternità ta' Marija ta' Nazaret. Hemm wieħed dwar Ġokebed, fil-prerogattiva tagħha ta' omm Mosè, mela omm ta' Israel kollu. Ir-Rabbi Ġuda, li miet fis-sena 217 WK, jirrakkonta li darba kien qed ifisser l-Iskrittura u l-ġemgħa ħadha n-nagħas. U sabiex iqajjimhom huwa ħareġ b'din l-affermazzjoni: "Waħda mara fl-Eġittu, ġġenerat 600.000 persuna fi ħlas wieħed". Fost dawk preżenti kien hemm dixxiplu msemmi ħafna jismu Rabbi Ismael, iben Rabbi Yosè li għamel din l-objezzjoni.

"U min jista' qatt hija dik il-mara?" Rabbi Ġuda wieġeb; "Ġokebed, din tat it-twelid lil Mosè; Mosè huwa meqjus ekwivalenti għal 600.000 ruħ, in-numru ta' Israel, kif hemm miktub: Għalhekk Mosè u l-Israelin kantaw" (Eż 15,1). Kif ukoll: "L-Israelin wlied għamlu kollox kif kien ordna l-Mulej lil Mosè" (Eż 39,32). Ukoll, "F'Israel ma qam ebda profeta bħal Mosè" (Dt 34,10). Għalhekk dan kollu jfisser li fil-persuna ta' Mosè hemm imdaħħal Israel kollu. Mela f'Ġokebed omm il-profeta Mosè, hija wkoll omm tal-poplu kollu li huwa miġbur fih.



## Ix-xebh

Kif wieħed jista' jaħseb, hemm xebh miftuħ bejn dan it-tagħrif u dak tal-Vanġelu. Ukoll Marija li hija l-omm ta' Ġesù (Ġw 2,1.3.5.12; 19, 25-26) minħabba l-istess rieda ta' Ġesù saret omm ta' dawk kollha li jemmnu fih, miġburin fil-figura tad-dixxiplu l-maħbub hemm fuq il-Kalvarju (Ġw 19,26-27; Apok 12,5.13.17). Għalhekk hija saret OMM universali ta' Kristu u ta' dawk kollha li jemmnu FIH.



# POSTIJIET TA' QIMA U TALB FIL-ĠUDAJIŻMU

*Marcello Ghirlando*

## Il-Postijiet tal-Qima

L-ewwel darba li l-Iskritturi Lhud isemmu post ta' qima lil Alla huwa meta jingħad li Mosè għamel it-Tinda tal-Laqgħa li kienet tintrama u tiżżarma skont il-mixi ta' wlied Israel fid-deżert (Eż 25-27). Kienet titqiegħed f'nofs bitħa kbira ta' elf driegħ għal ħamsin magħluqa b'sensiela ta' pilastri bid-drapp li kien jiddendel magħhom. Fuq in-naħa tal-Lvant tal-bitħa kien hemm is-santwarju b'daqs ta' tletin driegħ b'għaxra. Fih kien hemm it-Tabernaklu, mgħotti b'purtiera mdendla fuq ħames pilastri u li fuqha kien hemm minsuġa l-kerubini.

L-Arka tal-Patt kienet titqiegħed fit-Tabernaklu, flimkien mal-mejda tal-ħobż tal-presenza, l-altar tal-inċens u l-imnara, il-*menorah*. Fil-bitħa ta' barra kien hemm ukoll altar li fuqu kienu jsiru s-sagrifiċċji u vaska tar-ram għall-ħasil ritwali tal-qassisin.

L-ewwel Tempju, mixtieq mis-Sultan David, bnieh is-Sultan Salamun f'Ġerusalemm (1Slat 5: 27-32), fis-seklu għaxra QEK. It-Tempju kien parti mill-kumpless ta' bini tal-qorti rjali. "It-tempju li bena s-sultan Salamun lill-Mulej kien sittin driegħ twil, u għoxrin wiesa', u tletin driegħ għoli, skont il-wisa' tat-tempju, u għaxart idriegħ fond għal quddiem it-tempju... Bena wkoll fil-fond tat-tempju santwarju, biex iqiegħed fih l-arka tal-patt tal-Mulej. Is-santwarju kien għoxrin driegħ twil, għoxrin driegħ wiesa' u għoxrin driegħ għoli; u ksieh b'deheb mill-ifjen. U għamel altar taċ-ċedru. U Salamun kesa t-tempju minn ġewwa b'deheb mill-ifjen u dendel velu b'ħoloq tad-deheb quddiem is-santwarju u ksieh bid-deheb. It-tempju kollu ksieh bid-deheb, it-tempju kollu kemm hu; u l-altar ta' quddiem is-santwarju ksieh kollu bid-deheb. U għamel żewġ kerubini taż-żebbuġ għas-santwarju. kull wieħed għaxart idriegħ għoli... u l-ħitan tat-tempju żejjinhom kollha dawramejt, u naqqax fihom kerubini, tamar, u ward miftuħ, sew fil-kamra ta' ġewwa sew f'dik ta' barra... hekk Salamun it-tempju bnieh f'seba' snin" (ara: 1Slat 6). Fil-portiku tat-Tempju waqqaf żewġ kolonni tal-bronż imsemmijin Ġakin u Bogħaż li kienu simbolu tal-qawwa ta' Alla. Fis-santwarju kien hemm l-Arka tal-Patt u fil-kamra ta' barra l-altar tal-inċens, il-mejda tal-ħobż u għaxar imnajjar tad-deheb. Fil-bitħa kien hemm ukoll vaska tal-ilma kbira tal-bronż fondut u l-altar tal-bronż li kien jintuża għal diversi sagrifiċċji.

Irridu niftakru li t-Tempju ta' Ġerusalemm, bħala post ta' kult, kien ukoll il-qalba tal-poplu Lhudi, iċ-ċentru l-aktar importanti għall-ħajja tagħhom kollha kemm hi. Kien il-post tat-talb u l-post fejn kienu jgħixu bla waqfien il-kult sagrifikali. Minbarra s-sagrifiċċji ta' kuljum ma nistgħux ninsew is-sagrifiċċji li kienu jsiru nhar ta' Sibt u fil-festi, speċjalment it-tliet Festi tal-Pellegrinaġġ. Fit-Tempju kienu jġibu l-ewwel offerta tax-xgħir, *Omer*, fit-tieni jum tal-Għid u l-ewwel frott fil-Festa ta' *Xavuot*. Fil-Festa tal-*Pesah*,



il-familji kienu mistiedna jitilgħu Ġerusalemm biex joffru s-sagrifiċċju tal-ħaruf. Dan t-Tempju, li ġġarraf mill-Babiloniżi fis-sitt seklu QEK, reġa' kien irrestawrat fi żmien Esdra u Neħemija, u mibni mill-ġdid fuq skala grandjuża minn Erodi l-Kbir. It-Tieni Tempju ġarrfuh għal kollox ir-Rumani fis-sena 70 EK.

Kien wara l-eżilju li l-Lhud f'Babel waqqfu istituzzjoni ġdida għall-qima: is-sinagoga. Kien fis-sinagogi li kienu jinġabru biex jitolbu u jistudjaw l-Iskritturi. Istituzzjoni li saret komuni anki fil-Lhudija u fost il-komunitajiet Lhud tad-Dijaspora, anki jekk il-kult sagrifikali kien isir biss fit-Tempju ta' Ġerusalemm, għall-anqas sas-sena 70 EK.

Fis-sinagoga, sal-ġurnata tal-lum, kien u għad hemm diversi elementi li jfakkru dak li kien hemm fit-Tabernaklu tal-Eżodu u fl-istess Tempju: insibu l-Arka, simbolu tal-Qaddis tal-Qaddisin, li titqiegħed fuq il-ħajt tas-sinagoga li jħares lejn Ġerusalemm; dan biex il-Lhud iħarsu lejn il-Belt il-Qaddisa waqt it-talb tagħhom. Quddiem l-Arka hemm dejjem musbieħ li jfakkar fid-dawl dejjem jixgħel fis-Santwarju. F'kull sinagoga mbagħad hemm it-*Torah* li titqiegħed fl-Arka. It-*Torah* hija miktuba bl-Ebrajk fuq Skroll li jinkiteb b'inka speċjali u li sikwit jiżżejjen b'ornamenti tal-fidda. L-ornamenti jfakkru fl-ornamenti li kien jilbes il-Qassis il-Kbir li kien jaqdi fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Diversi skrolli tat-*Torah* għandhom kuruna tal-fidda. F'kull sinagoga wieħed għandu jsib il-*bimah*, il-leġiju fuq bażi għolja li fuqu tinqara t-*Torah* li titfisser mill-istess post. Fis-sinagogi tradizzjonali n-nisa kien ikollhom post għalihom, ġeneralment gallarija li fiha kienu joqogħdu bilqiegħda waqt it-talb komunitarju.



Bil-qerda tat-Tempju u tas-Saċerdozju Lhudi s-Sinagoga saret l-istituzzjoni prinċipali f'dak li għandu x'jaqsam mal-qima pubblika u uffiċċjali fil-Ġudajiżmu li kellha ssir u għandha ssir kull fejn hemm minimu ta' għaxart irġiel Lhud, *minyan*. Kull sinagoga titqies bħala li għandha sehem mill-qdusija tat-Tempju; għalhekk l-irġiel jgħattu rashom waqt it-talb.

Ħjiel arkeoloġiku jikkonferma l-preżenza tas-sinagogi fid-diversi



bliet u rħula tal-Galilija bejn it-tielet u s-seba' sekli EK, binjiet ta' stil bażilikali, sempliċi u xi kultant imżejna b'art bil-mużajk. Fiż-Żmien tan-Nofs is-Sinagoga kienet tinbena fil-qalba tal-kwartier Lhudi; mas-sinagoga, bħalma kien diġà fl-ewwel sekli, kien ikun hemm il-*bejt midrax,* il-post tat-tagħlim, il-*mikveh*, banju ritwali, librerija, xi kultant ospizji għall-pellegrini u postijiet fejn il-komunità Lhudija setgħet torganizza l-attivitajiet tagħha.

L-arkitettura sinagogali sikwit hija rifless taż-żmien storiku li fih inbnew is-sinagogi. Hekk, ngħidu aħna, fiż-Żmien tan-Nofs inbnew diversi sinagogi fuq stil Romanesk jew Gotiku; fiż-żmien Modern bikri fil-Polonja s-sinagogi kienu jinbnew bl-injam; fil-pajjiżi Musulmani kienu jkunu żgħar. Mal-wasla tar-Riformaturi fis-seklu XIX, is-sinagogi l-ġodda kienu jinbnew kbar, jissejħu "Tempji"; spiċċat il-parti riservata għan-nisa, u l-irġiel ma baqgħux jgħattu rashom u jużaw it-*tallid,* ix-xall tat-talb. Li baqa' l-istess għal kulħadd, sal-ġurnata tal-lum, huwa l-fatt li s-Sinagoga sservi ta' ċentru reliġjuż, soċjali u amministrattiv għad-diversi komunitajiet Lhud u li fiha jlaqqmu l-ħajja reliġjuża tagħhom.

## It-Talb

It-talb huwa l-għajn tal-qawwa tal-Ġudajiżmu. Dan deher ċar matul l-istorja twila u mqallba ta' persekuzzjoni tal-poplu Lhudi matul is-sekli. Dan jidher ċar ukoll mill-Iskritturi Lhud fejn il-personaġġi bibliċi dejjem daru lejn Alla permezz tat-talb personali. Biżżejjed inġibu quddiem għajnejna "il-ħabib ta' Alla", Abraham, li jitlob lil Alla ma jeqridx lil Sodoma (Ġen 18: 23-33), jew Ġakobb li jitlob il-ħarsien u l-ħajja lil Alla (Ġen 38: 20-21), Mosè jidħol għall-poplu li dineb (Eż 32: 31-32) u Ġożwè jitlob il-ħarsien ta' Alla fil-gwerra (Ġoż 7: 7). Il-Kotba profetiċi

jixhdu kemm offrew talb personali lil Alla u l-Ktieb tas-Salmi jikkonferma bis-sħiħ kemm it-talb u l-qima lil Alla kienu ċentrali għar-ruħ tal-Lhudi individwali u kollettiv fl-istess ħin.

Matul is-sekli t-talb kien espress ukoll fil-qima ta' flimkien. Diġà rajna kif il-qima tal-poplu kienet issib il-qofol tagħha fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Darbtejn kuljum, filgħodu u filgħaxija, il-qassisin kienu joffru s-sagrifiċċji msieħba mal-kant ta' tifħir tal-Leviti. Fis-Sibtijiet u l-Festi kienu jiċċelebraw is-sagrifiċċji u l-qima skont il-Liġi. Maż-żmien, mal-qima fit-Tempju, żdied ukoll it-talb bl-istqarrija tal-Għaxar Kelmiet/Kmandamenti u x-*Xema Israel.*

Meta t-Tempju nqered darba għal dejjem il-qima u t-talb bdew isiru biss fis-sinagogi. "Is-servizz tal-qalb", kif bdew isejħulu r-rabbini, beda jsir biex jikkorrispondi għall-ħinijiet li fihom kienu jsiru s-sagrifiċċji fit-Tempju. It-talba ta' filgħodu, *xaħarit,* u ta' wara nofsinhar, *minħah*, jikkorrispondu mas-sagrifiċċji ta' filgħodu u ta' wara nofsinhar. It-talba ta' filgħaxija, *maariv*, tikkorrispondi mal-ħruq tax-xaħmijiet u s-saqajn li kien isir bil-lejl. L-elementi essenzjali, li nġabru mat-tmiem il-ġabra tat-*Talmud,* ingħataw sura uffiċjali fi Ktieb tat-Talb, minn Rabbi Amram, il-*Gaon* ta' Sura fis-seklu VIII.

Fis-servizz sinagogali ta' importanza kbira hija t-talba tax-*Xema.* Imdawlin bil-kelma: "Isma', o Israel: il-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha. Żomm f'qalbek dan il-kliem u dawn il-kmandamenti li qiegħed nagħtik illum. Tennihom lil uliedek, u tkellem fuqhom meta tkun f'darek, meta tkun miexi fit-triq, u meta timtedd, u meta tqum; torbothom b'sinjal ma' idek u ddendilhom bejn għajnejk. U tiktibhom mal-ġnub tal-bibien u fuq il-bwieb tiegħek" (Dewt 6: 4-9), il-





Lhud jistqarru din it-talba waqt il-qima ta' filgħodu u ta' wara nofsinhar. Imdawlin mill-istess silta ssawru l-preċetti tat-*tefillin* u tal-*meżużah*. It-*tefillin* huma żewġ kaxxi żgħar tal-ġild li fihom siltiet mill-Iskritturi Lhud u li jintrabtu b'biċċiet tal-ġild mad-driegħ u mal-moħħ skont il-kmandament, "torbothom b'sinjal ma' idek u ddendilhom bejn għajnejk". Jintlibsu mill-irġiel waqt it-talb tal-filgħodu, barra nhar ta' Sibt u fil-festi. Il-*meżużah* hija biċċa parċmina li fiha żewġ paragrafi tax-*Xema* li titqiegħed f'kaxxa żgħira u titwaħħal fuq il-lemin ta' daħla, ngħidu aħna fid-daħla tal-bieb ta' barra tad-dar. L-irġiel Lhud jilbsu t-*tallit* iż-żgħir taħt ħwejjiġhom u t-*tallit* il-kbir, li huwa xall ta' talb, għat-talb ta' filgħodu. It-*tallit* huwa magħmul mill-għażel jew mis-suf, bi strixxi suwed jew ċelesti u biz-*tzitzit*, il-ġmiemen qishom spag, fl-erba' rkejjen.

It-tieni element importanti tat-talb sinagogali hija ix-*Xemoneh Esreh* jew it-talba tal-*Amidah*, it-tmintax-il barka. Dawn il-barkiet issawru matul medda ta' żmien sal-forma fissa li ħadu fit-tieni seklu EK. Huma tmintax-il talba; żdiedet oħra fit-tieni seklu li għandha x'taqsam mal-eretiċi! L-ewwel u l-aħħar tliet barkiet jingħadu f'kull servizz ta' talb; it-tlettax l-oħra jingħadu matul il-ġimgħa. Nhar ta' Sibt u fil-festi flokhom issir talba li għandha x'taqsam maċ-ċelebrazzjoni festiva. F'okkażjonijiet speċjali jiżdied talb ieħor ma' dawn il-barkiet, Il-barkiet jikkonsistu:

1. Tifħir lil Alla li jiftakar fl-għemejjel tal-Patrijarki favur il-poplu.
2. Għarfien tal-qawwa ta' Alla li jwieżen il-ħajjin u għandu s-setgħa jerġa' jagħti l-ħajja lill-mejtin.
3. Tifħir lill-qdusija ta' Alla.

4. Talba għall-għerf u d-dehen.
5. Talba għall-għajnuna ta' Alla biex il-bniedem idur lejn Alla b'indiema perfetta.
6. Invokazzjoni għall-maħfra tad-dnubiet.
7. Talba għal ħelsien mill-hemm u l-persekuzzjoni.
8. Talba għas-saħħa tal-ġisem.
9. Talba biex Alla jbierek il-prodotti agrikoli biex itaffi l-bżonn.
10. Talba biex l-eżiljati jerġgħu lura lejn arthom.
11. Talba biex isseħħ il-ġustizzja taħt mexxejja tajba.
12. Talba għall-ħlas mistħoqq tat-tajbin u l-qaddisin.
13. Talba biex Ġerusalemm terġa' tinbena.
14. Talba għar-restawrazzjoni tad-dinastija ta' David.
15. Talba biex Alla jilqa' t-talb bil-ħniena u t-tjieba.
16. Talba għar-restawrazzjoni tas-servizz fit-Tempju.
17. Radd il-ħajr għall-ħniena ta' Alla.
18. Talba biex tingħata l-barka tal-paċi lil Israel.

Sa mill-qedem kienet tinqara t-*Torah* fil-qima pubblika. Maż-żmien anki dan sar regolari fis-Sibtijiet u l-festi. Fil-Babilonja t-*Torah* kienet tinqara f'ċiklu ta' sena u fil-Palestina f'ċiklu ta' tliet snin. It-*Torah* tqassmet f'54 sezzjoni, *sidrah.* Kull sezzjoni hija mbagħad maqsuma f'porzjon, *paraxah.* Qabel il-qari tat-*Torah*, tinfetaħ l-Arka u l-Iskroll jinħareġ solennement.

Nhar ta' Sibt jissejħu sebat irġiel biex jaqraw mit-*Torah,* sitta fil-*Jom Kippur,* ħamsa fil-festi, erbgħa fil-*Purim,* tlieta fil-*Ħannukah* u fil-jiem tas-sawm, nhar ta' Sibt wara nofsinhar u nhar ta' Tnejn u l-Ħamis, meta jinqara l-ewwel porzjon tas-sezzjoni tas-Sibt li jkun imiss.

Wara l-qari mit-*Torah* tinqara sezzjoni mill-Kotba Profetiċi, il-*Ħaftarah.* Il-persuna li tkun qrat l-aħħar *paraxah* tas-*sidrah* taqra l-*Ħaftarah* u jissejjaħ *maftir.* Is-silta mill-Profeti tintgħażel skont il-kontenut tal-qari tat-*Torah.* Wara li l-Iskroll jiddaħħal fl-Arka ssir l-omelija skont il-qari.

Element ieħor ċentrali tat-talb fis-sinagoga hija t-talba tal-*Kaddix.* Hija talba miktuba bl-Aramajk u tesprimi t-tama għall-paċi universali fis-saltna ta' Alla. Hemm ħames forom tal-*Kaddix:*

1. Nofs *Kaddix* li jingħad mill-qarrej bejn il-partijiet tas-servizz ta' talb.
2. Il-*Kaddix* kollu li jingħad mill-qarrej fl-aħħar tal-parti l-kbira tas-servizz tat-talb.
3. Il-*Kaddix* li jingħad minn dawk preżenti għal funeral.
4. Il-*Kaddix* tal-istudjużi li jingħad wara l-qari tas-siltiet midraxxiċi tat-*Talmud* fil-preżenza ta' *minjan*, minimu ta' għaxart irġiel.
5. Forma mtawla tal-*Kaddix* li tintuża fiċ-ċimiterju wara d-dfin.

Element ieħor tas-servizz tat-talb huwa l-*Ħallel*, it-talb bis-Salmi 113-118. Fiż-żmien Talmudiku dan kien magħruf bħala l-*Ħallel* "tal-Eġittu" u jirreferi għas-Salm 114 li jibda bil-kliem: "Meta Israel ħareġ mill-Eġittu" u biex issir differenza mill-*Ħallel* il-Kbir (Salm 136), li jingħad nhar ta' Sibt u fil-festi fit-talb ta' filgħodu. Il-*Ħallel* jingħad fl-ewwel jumejn tal-*Pesah,* fil-jumejn ta' *Xavuot*, u matul il-jiem kollha tal-*Ħanukkah.* Parti minnu jingħad fil-*Ħol Ħamoed* u fl-aħħar jumejn tal-*Pesah.*

Sa mis-seklu XIII intużat it-talba *Alenu* biex tagħlaq it-talb. Hija talba li tistqarr lil Alla bħala sultan fuq il-ħolqien kollu. It-talba *Alenu* kienet titkanta mill-martri Lhud fiż-Żmien tan-Nofs għax tistqarr ukoll li Alla huwa s-sultan ta' Israel, li l-idolatrija għad tispiċċa biex il-bnedmin kollha jagħrfu s-setgħa universali ta' Alla: "Huwa d-dmir tagħna li

naghħtu qima lill-Mulej ta' kulma hu maħluq, li nkabbru lil dak li għamel id-dinja fil-bidu, għaliex ma qisniex bħall-bqija tal-popli u ma qegħedniex bħan-nazzjonijiet ta' artijiet oħra, għaliex ma taniex porzjon bħalma ta lilhom, lanqas parti bħalma ta lill-bqija. Għaliex ninżlu għarkupptejna u noffru qima u radd il-ħajr quddiem is-sultan tas-slaten, il-Qaddis, imbierek hu, li fetaħ is-smewwiet u qiegħed il-pedamenti tal-art, li għandu l-maqgħad tal-glorja 'l fuq fis-smewwiet u li qawwietu hija fl-għoli 'l fuq. Huwa Alla tagħna; ma hemm ħadd bħalu; bħalma hemm miktub fit-*Torah* tiegħu. U inti tagħraf illum, u tqegħedha f'qalbek, li l-Mulej hu Alla fis-smewwiet u taħt fl-art: ma hemm ħadd ieħor għajru."

Il-Liturġija tradizzjonali baqgħet l-istess saż-Żmien Imdawwal. Kif diġà għidna, kienu r-Riformaturi li daħlu talbiet oħra fil-Liturġija Lhudija, insistew fuq l-użu tal-ilsien tal-post u l-użu tal-orgni mal-kant, neħħew diversi talbiet li raw fihom espressjoni tal-partikolariżmu Lhudi u taw xejra aktar universalistika lill-qima Lhudija. Aktar tard, il-Ġudajiżmu Konservattiv ħejja Kotba tat-Talb proprji; żammew l-istess ordni fit-talb imma neħħew dak li dehrilhom li ma kienx idoqq, bħal, ngħidu aħna, it-talba għar-restawrazzjoni tas-sagrifiċċji u t-talba ta' radd il-ħajr lil Alla li ma għamilx mara lil min kien qiegħed jitlob!

Illum, il-gruppi jew movimenti kollha żiedu talbiet u liturġiji ġodda, fosthom it-talb li jsir nhar it-Tifkira tal-Olokawst, nhar l-Indipendenza ta' Israel u nhar il-Jum tar-Riunifikazzjoni ta' Ġerusalemm. It-tiġdid tal-Liturġija jixhed kemm it-talb u l-qima baqgħu elementi essenzjali tal-Ġudajiżmu, mikejja l-ħafna tibdiliet.

Għal aktar informazzjoni fuq il-Ġudajiżmu nissuġġerixxu l-Ktieb bil-Malti tal-awtur:

*Dan hu l-Ġudajiżmu,* RUĦ (Djalogu3/235), Franġiskani Konventwali 2013.






# L-GĦEJUN TAR-RABA' EVANĠELJU (1)

***Fr Martin Micallef OFMCap***

L-istudji tal-Evanġelju skont San Ġwann fl-aħħar seklu tbiegħdu ħafna mill-idea li dan l-Evanġelista kien qed jiġbor il-materjal tiegħu minn dak li sab fl-Evanġelji Sinottiċi li nkitbu qabel. F'dan l-artiklu, se neżaminaw fil-qosor ħafna l-istorja tad-diskussjoni dwar l-għejun [*sources*] li jidher li hemm wara l-Evanġelju skont San Ġwann u r-relazzjoni ta' dan l-Evanġelju mal-Evanġelji Sinottiċi.



## Evanġelju Spiritwali

Id-deskrizzjoni ta' San Klement minn Lixandra, fil-bidu tat-Tielet Seklu W.K., li l-Evanġelju skont San Ġwann huwa verżjoni 'spiritwali' tat-tlieta l-oħra,[1] diġà tindika l-bżonn li beda jinħass sa minn kmieni fl-istorja tal-interpretazzjoni biblika, li dan l-Evanġelju xi ftit jew wisq huwa pjuttost differenti mill-Evanġelji l-oħra.

Oriġene, li kien qed jikteb fl-ewwel snin tas-Seklu Tlieta W.K., aċċetta l-fatt li hemm 'diskrepanzi' bejn l-Evanġelju skont San Ġwann u t-tliet Evanġelji l-oħra, speċjalment, fil-ġrajjiet tal-ewwel snin tal-ministeru ta' Ġesù. Iżda minħabba li mhuwiex faċli li ssib armonija bejn dawn id-diffikultajiet meta dawn jinqraw b'mod litterali u b'mod storiku, Oriġene kkonkluda li dawn id-diffikultajiet għandhom jiġu solvuti 'analoġikament,' jiġifieri, billi jiġu interpretati spiritwalment.[2]

Dawn l-ewwel attentati sabiex jindirizzaw il-problema li l-Evanġelju skont San Ġwann u l-Evanġelji Sinottiċi mhumiex l-istess fil-verżjonijiet li jagħtuna dwar it-tradizzjoni fuq Ġesù, jassumu xi ħaġa fundamentali: li l-awtur tar-Raba' Evanġelju kien jaf it-tliet Evanġelji l-oħra, u użahom sabiex jikteb l-Evanġelju tiegħu.

Din il-presuppożizzjoni kkaratterizzat ukoll l-istudju kritiku li nsibu fis-Seklu Dsatax – li jsib l-oriġini tiegħu fil-pubblikazzjoni ta' D.F. Strauss, *The Life of Jesus* ippubblikat fl-1835-36 – li baqa' sejjer fl-ewwel parti tas-Seklu Għoxrin.

Din l-assunzjoni li l-Evanġelju San Ġwann kien jaf u uża l-Evanġelji Sinottiċi iżda nbidlet fl-1938 bil-pubblikazzjoni ta' Percival Gardner-Smith, li ppreżenta argumenti favur l-indipendenza tar-Raba' Evanġelju mill-Evanġelji Sinottiċi.[3] L-influwenza li din il-pubblikazzjoni ħalliet fuq studjużi oħra li ġew wara kienet kbira, b'mod illi fis-Seklu Għoxrin, ħafna mill-istudji ppubblikati fuq dan l-Evanġelju ħadu rotta ġdida: minn teorija ta' dipendenza kompleta fuq l-Evanġelji Sinottiċi, dawn l-istudji ppreżentaw argumenti kuntrarji, jiġifieri li r-Raba' Evanġelju huwa kompletament indipendenti mill-Evanġelji l-oħra.[4]

## L-Oriġini Tar-Raba' Evanġelju

Sabiex iżda nqisu kif seta' nkiteb l-Evanġelju skont San Ġwann, irridu b'xi mod nippruvaw nidentifikaw sa fejn hu possibbli, in-natura tal-għejun tar-Raba'



Evanġelista. Il-mistoqsija hawnhekk hija: kif beda jifforma dan l-Evanġelju? Dan il-metodu ta' investigazzjoni tat-test tal-Iskrittura huwa magħruf fl-istudji bibliċi bħala l-metodu Storiku Kritiku jew *diakroniku,* kelma li ġejja mill-Grieg u li tfisser 'matul iż-żmien.'[5] Dan ifisser li f'dan il-metodu aħna nkunu qed inħarsu lejn it-test tal-Iskrittura bħallikieku dan kien bħal 'tieqa' li minnha nistgħu nittawlu sabiex naraw x'hemm wara l-istess test bibliku. B'hekk ukoll, bil-mod il-mod, inkunu nistgħu naslu sa fejn hu possibbli għall-għejun li minnhom kien qed jieħu l-Evanġelista sabiex kiteb, u allura nkunu wkoll f'pożizzjoni li nidentifikaw l-istadji li fihom inkiteb l-Evanġelju.

Jekk, kif tissuġġerixxi t-Tradizzjoni Nisranija, dan l-Evanġelju huwa x-xogħol ta' bniedem wieħed biss – jiġifieri tal-appostlu San Ġwann – allura m'għandna l-ebda problema. Jekk inhu hekk, allura nistgħu ngħidu li l-appostlu San Ġwann kien xhud li ra b'għajnejh il-ġrajjiet li ħallielna miktubin, u li hu nnifsu kiteb l-Evanġelju. Iżda meta nibdew nistudjaw b'reqqa dan l-Evanġelju, nibdew ninnutaw li l-affarijiet mhumiex daqshekk sempliċi daqs kemm wieħed jaħseb.

Meta nibdew ninvestigaw il-materjal ta' dan l-Evanġelju mill-qrib, jibdew jitfaċċaw ċertu indikazzjonijiet li dan l-Evanġelju ma nkitibx f'daqqa. Fil-fatt, ħafna mill-istudjużi ta' dan l-Evanġelju llum, iżommu li dan l-Evanġelju nkiteb f'fażijiet differenti, minn persuni diffeenti, u li sabiex inkiteb intużaw għejun differenti.[6]

Meta allura niġu biex nistudjaw l-istorja tal-għejun li jidher li hemm wara dan l-Evanġelju, irridu nżommu f'moħħna li għalkemm nistgħu ngħidu li hemm unità fl-istil, fil-vokabularju użat, fl-istruttura u fil-ħsieb, madanakollu joħorġu wkoll fatturi li jġegħluna nagħmlu diversi mistoqsijiet.

L-ewwel ħaġa li rridu ninnutaw hija d-differenzi bejn xi partijiet mir-Raba' Evanġelju u l-kumplament tal-Evanġelju fl-istil tal-lingwa Griega użata. Hekk, per eżempju, l-Prologu ta' dan l-Evanġelju, jiġifieri Ġw 1:1-18 huwa miktub f'forma poetika aktar milli fil-forma narrativa bħalma hu miktub il-kumplament tal-Evanġelju kollu. Minbarra hekk, fil-Prologu nsibu wkoll użat kliem li ma jintużawx aktar fil-kumplament tal-Evanġelju, kliem bħal *logos* [kelma], *charis* [grazzja], u *pleroma* [milja].

It-tieni, id-diskorsi ta' Ġesù f'dan l-Evanġelju xi drabi jinkludu fihom materjal li jidher doppju. Per eżempju, il-kliem ta' Ġesù fi Ġw 5:19-25, fejn jitkellmu dwar ir-relazzjoni bejn il-Missier u l-Iben li jagħti l-ħajja, jidhru li huma repetizzjoni b'varjazzjoni żgħira ħafna ta' dak li naqraw fi Ġw 5:26-30. Id-differenzi ewlenin bejn dawn iż-żewġ testi huwa fil-perspettiva eskatoloġika tagħhom; tal-ewwel jitkellmu fuq il-ġudizzju tal-Iben li jsir fil-preżent (v.24), filwaqt li tat-tieni, jitkellmu fuq il-ġudizzju fil-futur (vv. 28-29). Hekk ukoll siltiet mid-diskors ta' Ġesù li nsibu fi Ġw 6 jidhru li huma l-istess jew jixbhu ħafna dak li nsibu fl-istess diskors, b'mod illi dak li naqraw fi Ġw 6:35-50 u 6:51-58 mhux biss jitratta l-istess tema, dik ta' Ġesù bħala l-ħobż tal-ħajja, iżda wkoll jgħidu l-istess ħaġa bi kliem li jixxiebah ħafna. Id-differenza ewlenija hija li vv 51-58 jitkellmu b'mod aktar dirett b'ton sagramentali.[7] Hekk ukoll il-materjal li nsibu fi Ġw 14 fil-bidu tad-diskors tal-aħħar ta' Ġesù, li prattikament huwa ripetizzjoni ta' dak li nsibu fi Ġw 16.[8]

It-tielet, xi drabi xi diskorsi li nsibu fir-Raba' Evanġelju, donnu ma jkunux jaqblu direttament mal-kuntest tal-ġrajja li fihom huma inseriti. Hekk, per eżempju, fi Ġw 3, fejn insibu l-konversazzjoni bejn Ġesù u Nikodemu, il-versi 31-36 isegwu immedjatament wara l-kliem ta' Ġwanni l-Battisti (ara vv.27-30). Madanakollu, mhuwiex ċar jekk hawnhekk huwiex Ġwanni jew



Ġesù li qed jitkellem, jew inkella dawn il-versi humiex biss kummentarju li qed jipprovdilna l-Evanġelista stess.

Dawn l-inċertezzi jindikaw li l-kuntest oriġinali ta' dan il-materjal seta' intilef. Hekk ukoll naqraw fi Ġw 12:44-50, fejn Ġesù jidher li kien qed jitkellem fil-pubbliku meta fil-fatt naqraw li hu kien qed jinħeba (v.36).

Ir-raba' punt huwa li l-Evanġelju skont San Ġwann huwa kkaratterizzat bi 'skossi' [bl-Ingliż: *aporias*] li nsibu spiss fis-sekwenza tan-narrativa. Tidher ħaġa stramba ħafna kif il-materjal li jippreżentalna San Ġwann fl-Evanġelju mhuwiex dejjem loġiku bħalma wieħed jistenna meta jaqra kitba bħal din. Biex nagħtu xi eżempji ħalli nifhmu aktar dak li qed ngħidu, minkejja li l-miraklu li Ġesù għamel fit-tieġ ta' Kana meta biddel l-ilma fi nbid tajjeb huwa msejjaħ bħala 'l-ewwel' sinjal (ara Ġw 2:11), u filwaqt li l-fejqan tal-iben tal-uffiċjal li naqraw f'4:54 huwa msejjaħ bħala 'it-tieni' sinjal li kien għamel Ġesù, madanakollu bejn dawn iż-żewġ sinjali/mirakli naqraw li sakemm dam Ġerusalemm, Ġesù wettaq bosta mirakli oħra li waslu sabiex ħafna emmnu fih (ara Ġw 2:23).

Hemm imbagħad 'skossi' oħra fis-sekwenza tal-ġeografija fi Ġw 4-7, hekk illi filwaqt li f'6:1 naqraw li Ġesù mar in-naħa l-oħra tal-baħar tal-Galilija, bħallikieku huwa kien diġà fit-Tramuntana tal-pajjiż, madanakollu kif jindikalna l-Kapitlu 5 tal-Evanġelju, Ġesù kien f'Ġerusalemm.

Hekk ukoll fi Ġw 7:3-5 l-aħwa ta' Ġesù jagħtuna indikazzjoni minn dak li jgħidu li Ġesù kien għadu ma wettaq l-ebda sinjal fil-Lhudija, filwaqt li fi 2:23 u 5:18 jikkontradixxu dan il-kliem. Mhux biss, imma immedjatament wara din l-okkażjoni, Ġesù jgħid li huwa ma kienx sejjer Ġerusalemm għall-festa (ara 7:8), madanakollu żewġ versi 'l quddiem naqraw li Ġesù fil-fatt mar Ġerusalemm (ara v.10).

Hekk ukoll il-mistoqsija ta' Pietru fi Gw 13:36: "Mulej, fejn inti sejjer?" (ara 14:5), tidher li tikkontradixxi dak li jgħid Ġesù ftit aktar tard: " Ħadd minnkom ma jistaqsini, fejn sejjer?" (16:5).

F'din il-lista ta' 'skossi' li nsibu f'dan l-Evanġelju tiddomina dak li nsibu fi Ġw 14:31, fejn Ġesù jgħid lid-dixxipli: "Qumu, ejjew nitilqu." Wieħed hawn jistenna li Ġesù kien se jtemm id-diskors twil tiegħu matul l-aħħar ċena u flimkien mad-dixxipli jħalli dan il-post fejn kienu qegħdin; minflok, Ġesù jkompli bid-diskors tiegħu li jkopru l-Kapitli 15 sa 17.[9]

Il-problema li jippreżentawlna dawn l-erba' karatteristiċi tal-Evanġelju skont Ġwann hija ċara: dawn jagħtu xhieda kontra l-unità ta' din in-narrativa. Minħabba f'hekk, il-maġġoranza tal-istudjużi ta' dan l-Evanġelju kkonkludew li fl-Evanġelju skont San Ġwann hemm xhieda ta' kitba miktuba b'reqqa kbira, imma fl-istess ħin li ġiet irranġata. Aktar minn hekk, is-sinjali ta' din l-attività editorjali, wasslu lil ħafna studjużi sabiex jikkonkludu

li dan l-Evanġelju huwa l-prodott ta' numru ta' għejun li hemm wara din il-kitba.[10]

## Edizzjonijiet differenti tal-evanġelju

Dan kien wieħed mill-modi ewlenin ta' kif l-istudjużi ta' dan l-Evanġelju ppruvaw isolvu din il-problema li qed niddiskutu. Soluzzjoni possibbli li ġiet ikkunsidrata u li m'għandniex naghtuha wisq spazju hawnhekk, hija li xi ħadd u f'xi żmien, irranġa l-kontenut ta' dan l-Evanġelju li kien safa spustat b'mod inċidentali.

Jekk tipprova tirranġa xi wħud mill-Kapitli ta' dan l-Evanġelju, ikun possibbli li tasal għal dak li nistgħu nqisu bħala sekwenza ġeografika aktar loġika tal-ġrajjiet li nsibu rrakkuntati. Hekk, per eżempju, jekk il-Kapitlu 5 u 6 jinqalbu tiġi eliminata l-problema stramba ta' kif minn Ġerusalemm (Kapitlu 5) Ġesù sab ruħu fil-Galilija (Kapitlu 6). Dan wassal għalhekk sabiex xi studjużi kkonkludew li xi wħud minn dawn l-'iskossi' li nsibu f'dan l-Evanġelju huma r-riżultat ta' s-sekwenza/l-ordni oriġinali tan-narrativa li setgħet tħawdet u ġiet spustata. Kif seta' seħħ dan ma hemmx spjegazzjoni ċara. Skema elaborata ta' kif wieħed jista' jerġa' jirranġa l-materjal tas-sekwenza tan-narrativa ta' dan l-Evanġelju hija ppreżentata lilna mill-famuż studjuż Ġermaniż, R. Bultamann fil-Kummentarju tiegħu fuq San Ġwann.[11]

Iżda din is-soluzzjoni ma tistax titqies bħala waħda konvinċenti jew relevanti. Dan minħabba li din is-soluzzjoni hija waħda suġġettiva fuq il-mod kif wieħed jagħmel dawn l-ispustamenti jew irranġar tal-materjal li nsibu f'dan l-Evanġelju, skont l-opinjoni differenti ta' dak li jkun. Agħar minn hekk, din it-teorija ma tatix soluzzjoni tal-fatturi kollha li juru li mhemmx unità fin-narrativa kif diġà rajna. Hekk, allura, din is-soluzzjoni tista' ssolvi, per eżempju, l-'iskossi' ġeografiċi li nsibu, imma xorta waħda ma tgħid xejn u allura ma ssolvi xejn, fuq id-differenzi tal-istil ta' dan l-Evangelju, jew fuq repetizzjoni ta' materjal fid-diskorsi ta' Ġesù, u dwar sentenzi ta' Ġesù li ma jidhrux marbuta mal-kuntest li fihom insibuhom.

B'dan il-mod inkunu issa qed noqorbu lejn l-aktar soluzzjoni importanti li





ġiet offruta sabiex inkunu nistgħu nippruvaw nispjegaw il-karattru tal-kitba tar-Raba' Evanġelju. Dan iżda narawh fil-ħarġa li jmiss.

## Referenzi


1 Ikkwotat f'Eusebius, *HE* 6.14.7.

2 Origen, *Commentary on the Gospel of John 10:2-3* (ANCL, 382-383).

3 P. Gardner-Smith, *Saint John and The Synoptic Gospels,* Cambridge: Cambridge University Press, 1938.

4 Għal diskussjoni itwal fuq dan l-argument ara Stephen Smalley, *John: Evangelist & Interpreter,* Cumbria: Paternoster Press, 1998.

5 Dwar il-Metodu Kritiku u kif applikat għall-Iskrittura, b'mod partikulari għall-Evanġelju skont San Ġwann, ara David R. Law, *The Historical-Critical Method: A Guide for the Perplexed,* London: T & T Clark International, 2012.

6 Għal ġabra fil-qosor tal-argumenti ewlenin fuq dan ara l-istudju ta' D. Moody Smith, *Johannine Christianity,* Edinburgh: T & T Clark, 1984.

7 Ara l-istudji fuq il-Kapitlu 6 miġburin fi *Critical Readings of John 6,* ed. R. Alan Culpepper, New York: Brill, 1997. Ara wkoll Daniele Pevarello, *Il discorso eucaristico in Giovanni 6: unità e messaggio,* Bologna: Dehoniane, 2012.

8 Għal aktar tagħrif fuq dan ara l-istudju reċenti ta' Johannes Beutler, *Do Not Be Afraid: The First Farewell Discourse in John's Gospel (Jn 14),* Berlin: Peter Lang, 2011.

9 Għal studju tajjeb fuq l-*aporias* fl-Evanġelju skont San Gwann, ara R. T. Fortna, *The Fourth Gospel and Its Predecessors: From Narrative Source to Present Gospel,* Philadelphia: Fortress Press, 1988.

10 Huma bosta dawk l-istudji li jikkonċentraw fuq din il-konklużjoni. Ara per eżempju, B. Lindars, *Behind the Fourth Gospel,* London: SPCK, 1971. Ara wkoll, Urban C. von Wahlde, *The Earliest Version of John's Gospel: Recovering the Gospel of Signs,* Delaware: Michael Glazier 1989.

11 R. Bultmann, *The Gospel of John,* trans. G. R. Beasley-Murray, Oxford: Blackwells, 1971. Ara wkoll id-diskussjoni f'Barnabas Lindars, *The Gospel of John, The New Century Bible Commentary,* Grand Rapids/MI: Eerdmans, 1995.




*Noel Muscat ofm*

Fil-kappella tad-dehra ta' Kristu irxoxtat lil Ommu Marija, magħrufa wkoll bħala l-kappella tas-Sagrament, li hi proprjetà tal-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u li tinsab fiż-żona Latina jew Kattolika, fix-xaqliba tat-tramuntana tal-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, f'niċċa fil-ħajt bejn l-altar u l-bieb tal-bronż tal-kappella, l-insara jqimu parti minn kolonna tal-porfidu ta' lewn ħamrani skur. Għal ħafna sekli din il-kolonna hi meqjusa bħala relikwa prezzjuża għax magħha ġie marbut Ġesù fil-mument tal-flaġellazzjoni.



Ir-rakkonti evanġeliċi li jitkellmu mill-flaġellazzjoni ta' Ġesù ma jsemmu l-ebda kolonna li magħha ġie marbut il-Mulej (Mt 27,26; Mk 15,15; Lq 23,16; Ġw 19,1). Skont l-użanza Rumana, il-flaġellazzjoni kienet il-kastig li kien jingħata qabel il-kurċifissjoni, bl-iskop li l-persuna kkundannata għall-mewt titlef ħafna demm u b'hekk jitħaffef il-proċess tal-mewt fuq is-salib. F'Atti 5,40 insibu eżempju ta' flaġellazzjoni li sofrew l-appostli, imma din id-darba kienet waħda ordnata mill-kunsill jew sinedriju tal-Lhud, u għaldaqstant mhux flaġellazzjoni marbuta mal-piena tal-mewt imma swat bħala kastig. It-tradizzjoni ta' Ġesù marbuta mal-kolonna biex jiġi flaġġellat hi antikissima. F'Ġerusalemm minn dejjem kien hemm it-tradizzjoni li Ġesù sofra l-flaġellazzjoni darbtejn waqt il-passjoni, l-ewwel fid-dar ta' Kajfa, skont Mt 26,67-68, u mbagħad fil-Pretorju ta' Pilatu.

Ir-riferiment l-aktar antik għall-fatt li Ġesù ġie marbut ma' kolonna waqt il-flaġellazzjoni insibuh fl-*Itinerarium Burdigalense* tal-Pellegrin Anonimu ta' Bordeaux (333 w.K.): "Wieħed jitla' fuq is-Sijon u hemmhekk jista' jara d-dar tal-qassis Kajfa, fejn għad hemm il-kolonna li magħha Ġesù ġie marbut biex ikun flaġellat" (*Corpus Christianorum, Series Latina*, Vol. CLXXV, 1-26).

Id-dar ta' Kajfa, fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu, kienet tiġi indikata fuq l-għolja tal-punent ta' Ġerusalemm, fiż-żona magħrufa bħala s-Sijon Kristjan, li trid tiġi distinta mis-Sijon oriġinali, fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tat-Tempju u tal-Ofel, fejn antikament kien hemm il-belt ta' David. Mix-xhieda tal-Anonimu ta' Bordeaux jirriżulta li, fuq l-għolja ta' Sijon, l-insara kienu jqimu xi tifkiriet tal-passjoni, jiġifieri d-dar ta' Kajfa bil-kolonna tal-flaġellazzjoni, il-Pretorju jew palazz ta' Pilatu, u l-palazz tas-sultan David.

Is-Sijon Kristjan hu l-post fejn, fl-epoka Biżantina (333-638) kienet inbniet knisja kbira ddedikata lill-Verġni Marija (*Hagia Sion*), li fiha kienu miġburin xi postijiet qaddisa importanti għall-insara, fosthom iċ-Ċenaklu u l-post tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija. Din il-bażilika kbira kienet ġiet maħruqa u mfarrka mill-Persjani fis-sena 614, imma mbagħad kienet ġiet restawrata mill-Abbati Modestos. Qrib is-sena 685

il-Pellegrin Arculf, meta jiddeskrivi din il-knisja, jgħid li l-insara kienu jqimu f'dak il-post il-ġebla li kienet tfakkar il-martirju ta' San Stiefnu, kif ukoll il-kolonna tal-Flaġellazzjoni.

Deskrizzjoni ta' din il-knisja tinsab ukoll fil-*Vita Anonyma Constantini* (c. 715 – c. 1009), fejn jiġi affermat li l-Imperatriċi Elena kienet bniet knisja kbira u wiesgħa, li kellha s-saqaf miksi biċ-ċomb. Ġewwa s-santwarju, fuq in-naħa tal-lemin, kienet imħarsa d-Dar tad-Dixxipli, jiġifieri l-kamra ta' fuq (iċ-Ċenaklu), fejn l-appostli nħbew minħabba l-biża' mil-Lhud, u fejn Kristu irxuxtat deher f'nofshom għalkemm il-bibien kienu magħluqa. Fuq in-naħa tax-xellug kienet meqjuma l-kolonna tal-porfidu li magħha ġie marbut Kristu meta ġie flaġellat mil-Lhud.[1] Il-kolonna tal-flaġellazzjoni, qrib is-sena 404, kienet tiġi identifikata bħala waħda mill-kolonni li kienu jwieżnu l-portiku tal-knisja tal-Għolja ta' Sijon.

It-tifkiriet ta' din il-kolonna tal-flaġellazzjoni huma aktar numerużi fl-epoka Kruċjata. Fl-1106-08, l-Abbati Russu Danjel indika d-dar ta' Kajfa, fejn Pietru ċaħad lill-Mulej, fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-Għolja Sijon. Id-*Descriptio Locorum circa Hierusalem adjacentium* (1131-43) tbiddel it-tradizzjoni, u tafferma li, wara li kien ġie arrestat fil-Ġetsemani, Ġesù ittieħed minn għand il-qassis il-kbir Anna għal għand il-qassis il-kbir Kajfa, "maġenb il-portiku tat-Tempju", u minn hemmhekk ittieħed fuq l-Għolja ta' Sijon, "fil-post tal-Paviment (*Lithostrotos*)". Dan il-post seta' kien sempliċement bitħa pavimentata maġenb



il-knisja ta' Santa Marija tal-Għolja ta' Sijon. Fi żmien il-Kruċjati din iż-żona kienet proprjetà tal-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin.

Pellegrin anonimu fl-1160 qiegħed il-Pretorju fuq ix-xellug tal-knisja ta' Sijon, f'kappella, filwaqt li jsemmi knisja oħra li kienet tfakkar il-post fejn il-Mulej ġie flaġellat u nkurunat bix-xewk, u li kienet timmarka l-post tad-dar ta' Kajfa. Din hi l-ewwel darba li tissemma l-knisja tal-Pretorju. Il-knisja hi deskritta minn Ġwann ta' Würzburg. Il-fdaljiet tagħha llum huma dawk tal-Knisja ta' San Salvatur, magħrufin bħala *Deir Habs al-Massih* (Kunvent tal-Ħabs tal-Messija), fuq is-Sijon, u huma proprjetà tal-Armeni Ortodossi.

Fl-1172 il-pellegrin Teodoriku jgħid li d-dar ta' Kajfa u l-post tal-Pretorju fejn Ġesù ġie ikkundannat minn Pilatu, kienu jinsabu quddiem il-knisja tal-Għolja ta' Sijon. F'dak il-post kienet teżisti l-Knisja ta' San Salvatur, li fiha l-insara kienu jqimu parti kbira mill-kolonna li magħha Ġesù ġie marbut wara li Pilatu ordna li jagħtuh is-swat. [2]

Teodoriku jagħtina xhieda oħra dwar fdalijiet ta' kolonna oħra li kienet meqjuma, din id-darba, fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Hu jafferma li kienet teżisti kolonna fix-xaqliba tax-xlokk tad-deambulatorju absidali (kurridur semi-ċirkulari) tal-Bażilika Kruċjata ikkonsagrata fil-15 ta' Lulju 1149. Jgħid li din il-kolonna kienet tinsab taħt altar. L-hekk imsejjaħ Pellegrin Islandiż (Abbati Nikulas), qrib l-1150, jitkellem dwar l-istess kolonna u jgħid li din kienet tinsab fix-xaqliba tal-lvant tal-altar maġġur flimkien ma' "sedja" li fuqha Ġesù qagħad bilqiegħda meta ġie nkurunat bix-xewk. L-awtur tal-i*Historia et Gesta Gotfridi* jgħid li kien ra din is-"sedja" forma ta' kolonna tar-rħam, li kienet tokkupa l-kappella tad-deambulatorju li kienet tinsab wara s-sedja



tal-Patrijarka fl-absidi tal-*chorus dominorum* – il-*Katholikon* tal-Griegi, jiġifieri fil-kappella fejn sal-lum hi meqjuma l-"kolonna tal-improperji u tal-inkurunazzjoni bix-xewk". Id-duka Goffredu ta' Bouillon, li kien il-kap tal-ewwel Kruċjata, meta ra din il-kolonna wara li l-Kruċjati rebħu l-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm fl-1099, ma riedx jiġi nkurunat re ta' Ġerusalemm fil-post li fih Ġesù ġie nkurunat bix-xewk, u pprefera t-titlu ta' *Difensur tas-Santu Sepulkru*.[3]

L-aktar xhieda ċara rigward il-venerazzjoni li l-insara kienu juru lejn il-kolonna tal-flaġellazzjoni, li mis-Sijon spiċċat fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, jagħtihielna Patri Bonifaċju minn Ragusa (Dubrovnik), li kien Kustodju tal-Art Imqaddsa mill-1551 sal-1560, u mill-ġdid mill-1562 sal-1564, fil-*Liber de perenni cultu Terrae Sanctae*. Hu jiddeskrivi l-ġrajja mqallba tal-kolonna tal-flaġellazzjoni.[4]

L-istudjuż Franġiskan tal-istorja tal-Art Imqaddsa, Patri Girolamo Golubovich, jiġbor fil-qosor l-informazzjoni li jagħtina Bonifaċju ta' Ragusa, li ħadem biex iħares ir-relikwa prezzjuża tal-kolonna tal-flaġellazzjoni u ġabha fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, fejn setgħet tkun meqjuma mill-insara, wara li l-Franġiskani kienu sfaw imkeċċija miċ-Ċenaklu u



l-Għolja ta' Sijon fl-1551. Hu jikteb:

"Informazzjoni dwar il-Kolonna tal-Flaġellazzjoni, li fl-1558 Patri Bonifaċju ta' Ragusa qasamha f'diversi biċċiet, wara li kienet sfat maqsuma mit-Torok. Fil-*De perenni cultu Terrae Sanctae* jgħid li l-kolonna kienet oriġinarjament parti mill-knisja tal-Għolja ta' Sijon u kienet meqjuma mill-insara bħala l-kolonna tal-flaġellazzjoni, ukoll wara li l-knisja tas-Sijon li kienet teżisti fl-epoka biżantina u waqt il-perjodu Kruċjat sfat meqruda. It-Torok qasmu l-kolonna, imma l-patrijiet tal-Għolja ta' Sijon kienu ġabru fdalijiet minnha. Huma bagħtu biċċa kbira f'Ruma, fejn hi meqjuma fil-knisja ta' Santa Prassede. Biċċa oħra tqiegħdet fuq ix-xellug tal-altar maġġur fil-kappella tal-Apparizzjoni,

fejn juffiċjaw il-Patrijiet Minuri tat-Tempju tal-Qabar Imqaddes ta' Kristu. Biċċa oħra kienet tinsab fil-knisja tal-Għolja ta' Sijon, imħarsa fost relikwi oħrajn, fil-kappella ta' San Tumas, li jiena mbagħad qsamtha f'biċċiet iżgħar; minnhom tajt relikwa lill-Papa Pawlu IV, oħra lill-Imperatur Ferdinandu, oħra lir-Re Filippu ta' Spanja, oħra lir-Repubblika Serenissima ta' Venezia, li tqiegħdet fost it-teżori ta' San Marco... L-aħħar biċċa tajtha lir-Repubblika ta' Ragusa (Dubrovnik)..."[5]

Ma nidħlux fil-kwestjoni tax-xebh bejn il-biċċa kolonna li hi venerata fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu ma' dik li tinsab f'Santa Prassede. Fil-fatt ma jixxiebhu xejn. Lilna jinteressana li l-Franġiskani dejjem żammew ħajja l-qima antikissima lejn it-tifkiriet tal-flaġellazzjoni ta' Kristu, li kienu marbutin mal-postijiet qaddisa tal-Għolja ta' Sijon, imma li mbagħad spiċċaw biex jiġu kkonċentrati fil-kumpless tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Fl-Art Imqaddsa mhux l-ewwel darba li nsibu li kolonni jimmarkaw xi ġrajja evanġelika importanti jew post marbut magħha. Eżempju tipiku hi l-kolonna, hekk imsejħa, "tal-bewsa ta' Ġuda", li tinsab f'niċċa fit-telgħa li mill-Bażilika tal-Agunija tal-Ġetsemani twasslek fuq l-Għolja taż-Żebbuġ. Din il-kolonna kienet oriġinarjament fir-rovini tal-Bażilika Kruċjata tal-Agunija, u kienet timmarka l-post tat-tradiment ta' Ġuda fil-Ġnien tal-Ġetsemani. Hi kolonna meqjuma ħafna speċjalment mill-insara Ortodossi. Fi żmien il-Kustodju Patri Ferdinando Diotallevi (1918-1924), preċiżament nhar id-19 ta' Jannar 1919, din il-kolonna ġiet trasferita fin-niċċa li fiha tinsab illum, quddiem id-daħla tal-monasteru tas-Sorijiet Russi ta' Santa Marija Maddalena.

Sal-ġurnata tal-lum il-Franġiskani tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, fil-purċissjoni li jagħmlu kuljum fil-kumpless imqaddes, jibdew din iċ-ċelebrazzjoni bil-waqfa quddiem il-kolonna tal-Flaġellazzjoni fil-kappella tas-Sagrament, fejn ikantaw l-innu *Salve, columna nobilis*. L-istess jagħmlu quddiem il-kolonna tal-improperji u l-inkurunazzjoni bix-xewk fil-kappella Griega Ortodossa wara l-abside tal-Bażilika, ftit passi bogħod mill-Kalvarju.

Il-kolonna tal-Flaġellazzjoni, kif ukoll il-kolonna tal-Improperji, huma relikwi mill-aktar antiki li jixirqilhom il-qima tal-Kristjani, jekk mhux għal ħaġa oħra, minħabba l-antikità tal-kult li dejjem gawdew u minħabba t-tifsira simbolika tagħhom bħala sinjali konkreti li jimmarkaw il-ġrajjiet ewlenin tat-tbatija tal-Iben ta' Alla waqt il-passjoni u l-mewt fuq is-salib fil-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm.

## Referenzi


1 Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*, Vol. III, *The City of Jerusalem*, Cambridge University Press 2010, 261-262

2 Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom*, 365-366

3 Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom*, 27

4 Fr. Bonifacio Stephano Ragusino, *Liber de perenni cultu Terrae Sanctae et de fructuosa eius peregrinatione*, Venezia 1573, 164-165

5 Girolmao Golubovich, *Biblioteca Bio-bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*, Nuova Serie – Documenti, Tomo VI: Croniche o Annali di Terra Santa del P. Pietro Verniero di Montepeloso, Quaracchi 1939, 182-183).

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

# TIĠDID L-ART IMQADDSA 2017




## ABBONAMENT:
€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2017

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2017

## Art Imqaddsa

13 - 21 Lulju
17 - 25 Awwissu
10 - 18 Settembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

